**QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef**
**Robert G. Mangion**

**Illum 31 ta’ Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 221 / 11RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B illum C, f’isimha proprju u bhala kurtarici *ad litem* ghan-nom ta’ uliedha minuri D u E, ahwa B**
**vs**
**GF *sive* G B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha (7) ta’ Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewg (2) ulied - D B illi twieldet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) u E B illi twieled fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008).

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba adulterju, ingurji gravi, minacci, theddid u/jew sevizzi da parti tal-konvenut illi jahti u huwa unikament responsabbli ghall-firda tal-kontendenti, u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi l-kontendenti kienu jirrisjedu fil-fond bin-numru ufficjali tmienja u ghoxrin (28) u bl-isem ufficjali 'Serenata' fi Triq il-Palm, Misrah Kola, Attard izda fil-prezent il-partijiet mhumiex qeghdin jirrisjedu f’ dan il-fond li jinsab vojt u kull parti qed tghix ghal rasha.

5. Illi dan il-fond kien inxtara matul iz-zwieg u mhu gravat minn ebda dejn izda l-attrici ghandha krediti parafernali rapprezentanti somom ta' flus donati lilha mill-genituri taghha sabiex jintuzaw versu x-xiri u l-akkwist tal-imsemmi fond u ta' gid iehor illum formanti parti mill-komunjoni tal-akkwist vigenti bejn il-kontendenti.

6. Illi l-konvenut jahdem bhala Assistant Principal fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni filwaqt li l-attrici tahdem ukoll bhala Assistant Principal fid-Dipartiment ghall-Anzjani u l-Kura fil-Kommunita' .

7. Illi ghalkemm ghandhom l-istess grad, l-introjtu globali tal-konvenut jissupera dak tal-attrici u ghandu wkoll kundizzjonijiet izjed favorevoli in rigward tal-possibilita' ta' promozzjoni.

8. Illi dan il-kaz gie riferut ghall-medjazzjoni (Ittra Numru 83/11) izda tali medjazzjoni ma wasslitx ghall-konkluzjoni ta' separazzjoni konsenswali u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu b'kawza ghal separazzjoni legali fit-termini imposti mil-ligi.

9. Illi fil-mori tal-medjazzjoni din l-Onorabbli Qorti fts-7 ta' Marzu 2011, tat digriet (Digriet Numru 386/11) li jirregola l-access tal-konvenut ghall-minuri u digriet iehor (Digriet Numru 572/11) fl-4 ta' April, 2011 li jirregola l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghall-istess minuri.

10. Illi stante li l-medjazzjoni ma wasslitx la ghal rikonciljazzjoni u lanqas ghall-konkluzjoni ta' separazzjoni konsenswali, kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk il-konvenuta (recte: Jghid ghalhekk il-konvenut) ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

(ii) tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament hati ghall-firda tal-kontendenti minhabba adulterju u/jew theddid u/jew minacci u/jew ingurji gravi u/jew sevizzi minnu perpetrati ghad-dannu u d-detriment tal-attrici u/jew ghal ragunijiet serji ohra accettabbli fil-ligi, u dan a tenur tal-artikoli 38 u 40 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta;

(iii) konsegwentement tikkommina u tapplika kontra l-konvenut dawk l-effetti prefissi fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dan illi b'effett mid-data tas-sentenza kull akkwist maghmul ghandu jibqa' proprjeta esklussiva tal-parti li tkun ghamlitu u kull obbligazzjoni assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha, u dan a tenur tal-artikolu 55(1) tal-Kap. 76 tal-Ligijiet ta' Malta;

(v) tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg kontendenti, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi, u tiddividiha zewg porzjonijiet, mhux necessarjament ugwali, u tassenja porzjon minnhom, li, f'kaz ta' disparita', ghandu jkun l-akbar porzjon, lill-attrici, u l-porzjon l-iehor, li, f'kaz ta' disparita', ghandu jkun l-izghar porzjon, lill-konvenut li huwa hati tal-firda, u dan anke bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet menzjonati fit-tielet (3 ) talba;

(vi) tiddikjara illi l-fond bin-numru ufficjali tmienja u ghoxrin (28) u bl-isem ufficjali 'Serenata' fi Triq il-Palm, Misrah Kola, Attard m'ghandux jitqies izied bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti;

(vii) taghti dawk l-ordnijiet, struzzjonijiet u direttivi kollha mehtiega u necessarji sabiex jinghata effett shih lil dak mitlub fil-hames talba supra, inkluz il-bejgh tal-fond bin-numru ufficjali tmienja u ghoxrin (28) u bl-isem ufficjali 'Serenata' fi Triq il-Palm, Misrah Kola, Attard bis-subbasta u bil-partecipazzjoni ta' obblaturi estraneji, in-nomina ta' nutar pubbliku sabiex, jekk mehtieg, jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u sabiex jaghmel dak kollu illi huwa mehtieg, incidentali u/jew ancillari ghal dan l-iskop, inkluz il-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' bejgh u trasferiment tal-fond bin-numru ufficjali tmienja u ghoxrin (28) u bl-isem ufficjali 'Serenata' fi Triq il-Palm, Misrah Kola, Attard u n-nomina ta' kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja tal-konvenut fuq l-atti imsemmija;

(viii) tordna lill-konvenut sabiex jassenja lill-attrici l-proprjeta' dotali u parafernali kollha taghha;

(ix) tillikwida l-krediti kollha parafernali spettanti lill-attrici skont il-ligi;

(x) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici somma ekwivalenti ghall-krediti kollha parafernali spettanti lill-istess attrici sakemm tali krediti parafernali ma jigux komputati fil-likwidazzjoni, qasma u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti in segwitu ghall-hames talba;

(xi) taffida lill-attrici l-kura u kustodja tal-ulied minuri D u E, ahwa B;

(xii) tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici retta alimentari adegwata ghall-istess ulied minuri D u E, ahwa B;

(xiii) taghti dawk l-ordinijiet li jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni relattivament ghall-ezercizzju ta' access da parti tal-konvenut in rigward tal-ulied minuri D u E, ahwa B;

(xiv) tiddikjara illi l-konvenut iddekada irrevokabilment minn kwalsijasi dritt li talvolta seta' qatt ikollu biex jitlob u jottjeni l-hlas ta' manteniment minghand martu l-attrici, u dan ghal ragunijiet validi u accettati fil-ligi;

(xv) tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra s-sentenza ta' separazzjoni personali meta din tkun saret *res judicata*, u dan a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(xvi) taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha opportuni illi din l-Onorabbli Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhrilha li jkunu hekk mehtiega ghat-twettiq shih u sewwa ta' dan il-gudizzju.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi dwar l-ewwel zewg talbiet, l-esponent jaqbel li ghandha tigi prronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partjiet izda dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghar-ragunijiet fuq esposti, it-tielet talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; anzi hija l-istess attrici li ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-drittijiet kontemplati fl-imsemmi artikoli 48 tal-Kodici Civili kif fil-fatt qed jitlob l-esponent fil-kawza fl-ismijiet inversi (Rikors Guramnetat Nru 231/11 NC).

Illi dwar ir-raba` u l-hames talbiet, l-esponent jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi xjolta u likwidata izda f'tali likwidazzjoni ghandhom jigu applikati kontra l-attrici l-provvedimenti tal-artikoli 8(1)(c) u 51 tal-Kodici Civili kif l-esponent fil-fatt qed jitlob fil-kawza fl-ismijiet inversi fuq imsemmija.

Illi l-esponent jaqbel mas-sitt talba.

Illi dwar is-seba` talba l-esponent jaqbel ukoll li l-fond matrimonjali ghandu jinbiegh izda jittama wkoll li l-attrici turi ko-operazzjoni sa issa qatt ma wriet,

biex tali fond jinbiegh fuq is-suq liberu u minghajr il-bzonn ta' proceduri fis-subbasta.

Illi dwar it-tmien talba, l-esponent ma jidhirlux li hemm xi beni dotali jew parafernali li ghandhom jigu restitwiti (u mhux assenjati) lill-attrici.

Illi dwar id-disa` u ghaxar talbiet, l-attrici ghandha tipprova xi krediti parafernali qed tippretendi li ghandha.

Illi l-esponent jopponi ruhu ghall-hdax it-talba u jirritjeni li huwa fl-ahjar interess tat-tfal minuri li dawn jigu fdati fil-kura u kustodja tieghu.

Illi konsegwentement ghandha tkun l-attrici li tigi obbligata thallas lill-esponent manteniment xieraq ghat-tfal minuri. Fi kwalunkwe kaz pero, ghandu jittiehed kont li z-zewg, partijiet jahdmu full time u bl-istess ntrojtu u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom mezzi adegwati sabiex jikkontribwixxu ghal manteniment ta' uliedhom fi kwoti ndaqs.

Illi dwar it-tlettax il-talba, din tigi superfluwa kemm-il darba ma tintlaqax il-hdax it-talba.

Bla pregudizzju pero` l-esponent fi kwalunkwe kaz jissottometti li tintlaqa dik it-talba tal-attrici, l-access tieghu ghat-tfal ghandu jkun wiehed mill-iktar ampju u liberu u decizament mhux bhal dak attwali li gie provvisorjament ffissat b'mod ristrett hafna minhabba allegazzjonijiet inveritieri li kitbet l-attrici fir-risposta taghha ghar-rikors tal-esponent u li l-esponent sar jaf bihom wara li nghata d-digriet dwar l-access.

Illi l-erbatax it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u fi kwalunkwe kaz superfluwa in vista tat-tielet talba attrici.

Illi l-hmistax it-talba hija wkoll superfluwa ghaliex l-attrici m'ghandhiex bzonn awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza.

Illi l-esponent lanqas jifhem l-utilita` tas-sittax it-talba.

Illi fl-ahharnett l-esponent jipprotesta ruhu ghal multiplicita zejda ta' talbiet li l-uniku skop taghhorn huwa sabiex ikabbru l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza.

Rat in-nota tal-attrici, in ottemporanza mad-digriet ta’ din il-Qorti tad-19 ta’ Lulju 2011, ipprezentata fis-27 ta’ Lulju 2011, u dik tal-konvenut ipprezentata fit-8 ta’ Awwissu 2011;

Rat l-affidavit tal-attrici, tal-ġenituri tagħha, Carmel u Mary Yvonne C, ta' oħtha Noemi C, ta' ħuha Claude Mario C, taz-ziju tagħha l-Isqof Mons. Vincent C, taz-zija tal-attrici, Doris Ceci u ta' Romina Grech annessi ma' nota tal-attrici pprezentata fit-12 ta' Awwissu 2011;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2012 fejn il-partijiet qablu li l-provi migbura f'din il-kawza jitqisu wkoll bhala provi migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 231/2011NC, u gie nominat l-Avukat Dottor Ludvic Caruana bhala perit legali;

Rat id-digriet tas-6 ta' Jannar 2012 u dak tas-7 ta' Marzu 2011, dwar l-access ghat-tfal favur il-missier;

Rat in-nota tal-attrici tat-22 ta' Novembru 2012 fejn iddkjarat li a tenur tal-Artikolu 62(1) tal-Kap. 16, tixtieq tirreverti ghall-kunjom xbubitha, cioe' C;

Rat id-digriet ta' din l-Qorti tas-27 ta' Marzu 2014 fejn bi qbil bejn il-partijiet gie nominat it-terapista Daniel Mercieca u l-psikoterapista Marica Busietta sabiex jipprovdu sezzjonijiet ta' terapija lil minuri Michela B;

Rat ix-xhieda tal-Psikologa Carmen B li xehdet fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014;

Rat id-digriet moghti seduta stante fl-14 ta' Lulju 2014 dwar l-hinijiet tal-access ghat-tfal mill-missier ghaz-zmien tal-vakanzi tas-sajf;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015 fejn il-Qorti giet infurmata li recentement nghata decizjoni mit-Tribunal Ecclesjastiku (Tieni Istanza) li permezz taghha gie annullat z-zwieg religjuz ta' bejn il-partijiet;

Rat il-kopji tal-imsemija decizjonijiet annessi ma' nota tal-attrici pprezentata fil-25 ta' Jannar 2016;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu giet revokata n-nomina tal-perit legali fiz-zewg kawzi;

Rat ir-rapport tal-Perit Psikologa Marica Busietta mahluf fid-9 ta' Mejju 2016;

Rat l-inkartament tas-seduti u d-dokumenti pprezentati mill-Perit Legali;
Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fl-10 ta' Gunju 2016;

Rat ir-rapport tal-Perit Psikologu Daniel Mercieca mahluf fl-24 ta' Gunju 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2016, fejn l-attrici ddikjarat li l-vettura Renault numru ta' registrazzjoni JAB 204 giet garaxxjata u n-number plates gew ritornati lill-MTA, u li l-vettura li ssuq Kia numru KBR 395 hi registrata f'isem Jonathan Muscat Baron, missier zewg ulied taghha, u l-konvenut iddikjara li l-vettura Opel Astra numru BBN 678 hi licenzjata fuq ohtu Josephine B;

Rat il-kontroezami tal-konvenut li sar fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2016;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fil-25 ta' Lulju 2016 li maghha annettiet zewg decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2014 u tat-30 ta' Gunju 2016;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fis-16 ta' Jannar 2017 u dik responsiva tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta' Mejju 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2017 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fil-11 ta' Awwissu 2011, Fol 40 et seq, ikkonfermat li ltaqghet ma' G, l-konvenut, fuq ix-xoghol fin-1993. Bdiet tahdem bhala skrivana l-Works Division u ltaqghet mieghu fl-ewwel gurnata tax-xoghol billi hu kien fil-'Personel Section'. Bdew johorgu flimkien wara li kienet ilha tafu xi sena. Hi mill-ewwel ndunat li ma kienx jahsibha bhalha fuq certi affarjiet, partikolarment il-hrug, billi hi thobb il-hbieb u l-kumpanija, mentri hu kien jevita n-nies tant li kienu jispiccaw jixtru 'take away', jiekluh fil-karozza xi post il-boghod minn nies, jisimghu id-diski.

Hi kienet issuggerit li jfittxu x-xoghol 'part time' bhala waiters biex jgemmghu xi haga tal-flus, hu ghall-ewwel irrifjuta u hi sabet xoghol u bdiet tahdem f'restaurant f'Tas-Sliema. Ix-xoghol dratu malghajr u billi kellhom bzonn in-nies thajjar hu ukoll u damu 5 snin jahdmu sieghat twal, l-anqas kellhom cans jitkellmu fuq ix-xoghol. Wafqu jahdmu wara li xtraw il-flat. Ghalkemm irrnexxhielhom igemmghu l-flus, l-attrici ddikjarat li kien jiddispjaciha li l-gherusija qattawha b'dan il-mod, billi altrimenti kien jkollha l-opportunita' li tinduna b'certi difetti li kellu anke min dak iz-zmien.

Ftit qabel izzewgu kellhom glieda kbira, ghax il-genituri taghha kienu ser issiefru u staqsew lil G jekk huha setghax jorqod maghhom biex ma jibqax wahdu. Hi ma kinitx prezenti meta G tkellem mal-genituri taghha, pero' meta rritorna d-dar ghamel xenata shiha u beda jghajjat u jghajjarha. Qaltlu li kellha bzonn aktar

zmien billi ma kinitx certa minnu, hu beda jghajjat maghha, li kienu ilhom hames snin flimkien u li jekk ma jizzewgux f'dak iz-zmien, anke peress li z-ziju taghha, li kien Isqof kien gej minn barra, ma kienu ser jizzewgu qatt.

Ommha u missierha offrewlha li jhallsulha vjagg ghal-Brazil biex jattendu ghac-cerimonja meta z-ziju kien ser jilhaq Isqof, izda G oppona bil-qawwa u qalilha li kellha taghzel bejnu u l-familja taghha, u li jekk tmur tista' tinsieh. Hi ma marritx u iddispjaciha hafna li ma marritx.

Izzewgu fis-7 ta' Awwissu 1999, ma riedux tieg kbir biex jaghmlu safra tajba. Marru Orlando u Carribean Criuse. Ibbukkjat kollox hi, izda hu ma kull minn jiltaqa' kien jghid li ma hax pjacir u l-anqas haqq il-flus li nefqu. Xi sentejn wara mar Lourdes ma' membri tal-familja tieghu, u malli gie lura qal li izjed ha gost mill-honeymoon. Hi kienet tiehu ghaliha izda ma kienet tghid xejn. Ftit wara li gew lura mill-honeymoon beda l-inkwiet. Huma kienu hadu long leave, biex meta jirritornaw iqattghu zmien igawdu lil xulxin, izda hu qal li iddejjaq id-dar, u rega' mar lura x-xoghol. Hi iddejqet wahedha d-dar u hi ukoll marret lura ix-xoghol xi hmistax qabel ma kellha tidhol tant li shabha fuq ix-xoghol skantaw biha.

Hi kienet tahsel, tnaddaf u ssajjar, izda hu ma kienx jghinha, pero' billi kenet tlahhaq qatt ma gergret mieghu. Huma t-tnejn kienu jispiccaw mix-xoghol fil-5.00pm izda hu kien jibqa hemm sat-8.00pm. Hi kienet tiddejjaq dejjem wahedha fid-dar u meta kienet tilmenta mieghu kien jghidilha li ma kienx jmur id-dar biex ma jismghax it-tgergir taghha. L-anqas kienu jieklu flimkien, hi kienet tiekol qablu, hu kien jiekol meta jigi lura, l-ikel kienet thalliehulu fil-micro-wave.

Kien qalilha biex issib part time job jekk iddejqet id-dar wahedha. Hi hekk ghamlet, izda hu fil-weekends dejjem kien johrog kmieni u jmur jaghmel xi bicca xoghol ghand xi habib jew ghand xi hadd tal-familja.

Thajret titghallem isuq billi kulimkien kienet tmur bil-mixi jew b'tal-linja. Hu oppona u qalilha li trid tibda ssuq biex toqghod tigri. Minn wara dahru kienet tmur titghallem waqt il-break, telghet ghat-test u ghaddiet. Hu rrabbja li ma qaltlu b'xejn u ftit zmien wara l-genturi taghha tawha u lil hutha LM1,000 kull wiehed, u ddecidiet li tixtri karozza 'second hand'. Xtrat Peugeot 205 li ghadha tintuza minnu stess. Talbitu biex jibda jmur maghha sakemm tidra issuq u kienu dejjem jispiccaw jiggieldu, meta kienet tiehu xi zball. Kien jghidilha li ma kinitx kapaci u spicca ha il-karozza f'garage iz-Zejtun, fejn damet s-snin. Darba kienet qajmet l-argument u tant iggieldu li gghelha tinzel mill-karozza fid-dlam hdejn c-Cimiterju ta' Hal-Lija, u tawha lift koppja li kienu ghadejjin minn hemm. Hi twerwret timxi fid-dlam wahedha fid-dizabitat. Hi kkonfermat li kien hemm diversi okkazzjonijiet ohra meta kecciha mill-flat u kellha timxi minn Naxxar sal-Mosta u lura fid-dlam u toqghod thabbat sakemm jifthilha.

F'dak iz-zmien beda l-inkwiet fuq il-flat. Hu kellu xi jghid ma' wiehed mir-residenti u beda jwahhal fiha li hi riedet li jixtru flat. Fil-fatt hu qatt ma kien qal li ma ridtx jixtri dan il-flat jew li ma kienx joghgbu, anzi ghamel hafna xoghol fih. Kien jghidilha li l-flat umbrah u ghalhekk kien qed idum ix-xoghol. Billi l-flat kien inxtara mill-Gvern kellhom kundizzjoni li qabel sentejn ma setghux jbieghu, pero' rnexxhielhom jgiebu l-permess u eventwalment bieghu l-flat.

Kull haga hazina li kienet tigri kien jwahhal fiha, tant li anke kollega fuq ix-xoghol qaltilha li kellha tnehhi minn mohha dan il-'guilt feeling' li hu tefa' fuqha.

Wara li nbiegh il-flat marru jghixu f'dar zghira il-Furjana ta' zitu fejn damu sentejn u nofs sakemm xtraw dar go H'Attard.

Meta kienu qed jghixu l-Furjana, ir-relazzjoni taghhom kompliet tmur ghall-aghar billi bil-kemm kienu jitkellmu, jiltaqghu ftit li xejn. Darba qalilha li xi hadd qallu biex jibda jahseb jaghmel familja. L-attrici dan qatt ma kien ghaddhielha minn mohhha, billi l-anqas biss kellhom il-post taghhom u ma kinitx thossha 'happy' mieghu. Ma kienx hemm lok ghall-hajja gdida, skond l-attrici fi zwieg 'kwazi mejjet' fejn ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni. Malli qaltlu li ma riditx tfal, iggieldu, mar ghaliha b'sikkina u hi ddefendiet ruhha bis-set tat-telephone. Taha daqqa' ta' ponn fuq dreighha u ghamillha tbengila li damet hmistax biex marret.

L-attrici hadet l-inzjattiva li issib dar go H'Attard, billi hu kien jghid li kollu kien hela taz-zmien. Kienet tmur ma' missierha billi l-karozza kienet ghadha iz-Zejtun. Sabet wahda u xtrawha izda wara ftit beda igerger billi hu xtaq li jkollu basement u mhux garage zghir. Rega' beda jwahhal fiha li kienet decizjoni zbaljata taghha li xtraw dik id-dar. Hu ha bicca mis-salott biex kabbar ftit il-garage. Rega' nqala' aktar nkwiet meta d-dar ta' hdejhom nxtrat minn kuntrattur ghat-twaqqieh. Hu beda jilmenta li zvillup ta' flats fil-vicin kien ser iwaqqa' l-valur tad-dar u rega' beda jwahhal fl-attrici u li kollu kien it-tort taghha.

L-attrici hi tewmija ma' ohtha li tghix l-Italja, u ghalkemm sikwiet kienet tghidlu li tixtieq tmur taraha qatt ma kien ihalliha, u meta tkun Malta ghall-vakanza kien jgerger meta l-attrici ddum ghand ommha meta jkun hemm ohtha ghandha.

F' April 2005 dahlu fid-dar ta' H'Attard. L-attrici bdiet tilmenta mieghu li ma setghatx toqghod bla karozza billi tal-linja ma kienux spissi. Riedet li jgiebilha il-karozza taghha miz-Zejtun izda hu ma riedx. Tkellmet ma' habiba taghha li qaltilha li kienet ser tbiegh il-karozza taghha biex tixtri wahda ahjar u l-attrici thajret tixtriha. Talbita biss LM150 u hallsitha mill-paga tal-part time job li kellha. Meta zewgha ra l-karozza wara l-bieb inqalghet glieda kbira bejniethom, zewgha beda jghajjat li xeba u ddejjaq u baghatha tmur il-Bank biex jaqsmu il-flus li

kellhom f'Joint Accounts'. Qalilha 'ara x'ser taghmel ghax ahna daqshekk flimkien'. L-attrici tghid li marret ghand avukat biex tibda il-proceduri ta' separazzjoni billi xebat, iddejqet u ma ffelhitx aktar tghix hekk. Hi zzewget biex tkun 'happy' u mhux li tghix ma' bniedem li thossha imbezza' minnu, iwahhal fiha f'kollox u meta jitlef il-kontroll jerfa' idejh fuqha u jghajjarha bil-familja taghha.

Anke missieru kien jaghtiha ragun, kien jghidilha 'ma nafx kif inhu dan it-tifel li ghandi'.

Zewgha qalilha biex tippakkjalu hwejgu ghax ried jitlaq, hi hekk ghamlet izda hu ma telaqx. Ma kienux qed jitkellmu u meta hu ra li hi veru kienet xebat, darba waqt li kienet rieqda qalilha "Iva tini bewsa tal-ahhar, ghax jekk titlaqni immur naqbez". Ghalkemm hi kienet mdejqa hafna ma riditx li jigri xi haga u tiehu l-htija. Ghalhekk ippruvat 'taghti cans iehor' u baqghu jghixu flimkien.

Ftit wara harget tqila u hasbet li l-affarjiet kienu sser jirrangaw, kienet kuntenta hafna partikolarment meta saret taf li kien ser ikollha tifla. Hu ghalkemm ferah bl-ahbar xorta baqa' idum x-xoghol u jhalliha zmien twil wahedha. It-tifla D twieldet fis-27 ta' Marzu 2006, kien it-Tnejn cemplitlu diversi drabi meta bdiet thoss l-ugieh biex johodha l-Isptar izda hu dam ma mar ghaliha, u kieku dam ftit aktar kienet twelled id-dar, wara qalilha li kien dam ghax kien qed jibza.

Dik il-gurnata stess li marret d-dar mill-Isptar, kienet migugha, cemplet liz-zija biex jgibilha xi cream ghall-ugiegh, izda meta gie u sar jaf ghamel xenata ghax ma ried lil hadd id-dar u kellha iccempillha biex ma tmurx. Kienet kbiet hafna fuq dan l-incident u qalet lil missieru dwar dan li kien hadha kontrih.

Ir-ragel qatt ma kien jghinha bit-tifla, qatt ma kien jerfahha, meta kienet zghira ghax kienet zghira wisq u meta bdiet tikber ghax kien jibza li thammgu.

L'Lulju 2007 indunat li regghet kienet tqila, r-relazzjoni taghhom ma kinitx tjiebet. Hi kienet hadet pjecir ghax xtaqet li t-tifla ma tkunx wahedha, izda hu kien hu dam biex accettaha ghax kien jaf li r-relazzjoni taghhom ma kinitx tajba.

Hu qatt ma kien jmur maghha ghand l-gynaecologist, kienet dejjem tmur wahedha bit-tifla ta' ftit aktar minn sena u kien iwassalha missierha billi hu bhas-soltu kien jibqa' x-xoghol. L-ommijiet l-ohra kollha kienu jkunu akkompanjati mill-irgiel taghhom, izda hu qatt ma wera interess biex jmur maghha. It-tifel twieled fis-26 ta' Marzu 2008. B'zewgt itfal x-xoghol zdied hafna u kienet tmur tghinha ommha. It-tfal kienu kollox ghaliha, ma kinitx tafdhom sekonda minn taht ghajnejha. Kienet torqod fis-sodda l-kbira maz-zewgt itfal, u meta kien jigi hu kien isibhom it-tlieta reqdin fl-istess sodda. Kien igerger li t-tfal hadulu postu u hi

kienet tghidlu li jekk jrid jmissu jirritorna qabel biex jsibhom imqajmin. Zdiedilha hafna x-xoghol, kienet tqum kmieni kuljum biex tlahhaq max-xoghol tad-dar u l-giri bit-tfal, kienet tkun dejjem ghajjiena, mentri hu dejjem kien jara x'jivvinta, jaghmel xoghol bla hlas ghand missieru, ghand ohtu, ghand zijtu u anke hadem fil-flat ta' hu l-attrici. Hi kienet tgerger mieghu, hu kien jghidilha li jhobb jghin lil dak li jkun u hi kienet tinsisti mieghu li li kien jkun ahjar jekk jqatta' aktar hin mal-familja. Anke fil-Hdud kien jmur jahdem ma' zewgt ihbieb, u dam karriera sejjer hekk.

Darba kien is-Sibt, hi qamet kmieni bhas-soltu taghmel il-faccendi tad-dar u meta hu qam ghal xi 7.00am sab lit-tifel icaqlaq 'standing lamp' ghamel xenata shiha, beda jghajjarha u joffendiha u qabad isawwatha quddiem it-tfal. Dawn twerwru u tghidx kemm bkew. Hi haditha bi kbira, bkiet hafna, kienet l-ewwel darba li sawwatha quddiem it-tfal. Kien taha daqqiet bil-ponn u bis-sieq u bengillha idejha u saqajha. Ir-relazzjoni kompliet tmur ghall-aghar, hu dejjem jilmenta mill-fatt li t-tfal hadulu postu billi hi kienet torqod mat-tfal u mhux mieghu. Huma dejjem kienu jkunu reqdin meta jigi lura mix-xoghol, hu l-anqas kien jmur jarahom izda kien jibqa' isfel jiekol u jara t-television. Kien jitla' fuq biex jorqod biss.

L-attrici tghid li zewgha beda jghid man-nies li hi kellha 'depression' u 'tension' kbira bix-xoghol tad-dar u tat-tfal. Kien jghid li kien jiskanta kif kienet tlahhaq ma' kollox u ma' shabu kien jiftahar kemm issajjar tajjeb.

Fil-gurnata ta' l-Ewwel tas-Sena, l-1 ta' Jannar 2010 kienu mistiednin ghand zijtu u nqala' incident sejru bejniethom. Hu kien fil-kamra tal-banju, t-tfal bdew jigru wara xulxin u t-tifla ghalqet il-bieb f'wicc iz-zghir. Hu haseb li ghalqitlu idejh u nfexx jghajjat u jghajjarha li ma kinitx qed tiehu hsiebhom. Beda jsawwatha, kissrilha n-nuccali, u l-ghada telghetilha tbngilha li damet xi granet biex nizlet. It-tfal twerwru bil-biza' qabdu jghajjtu u jwerzqu. Damu hafna jiggieldu u hu qabad lit-tifel u qalilha li bit-tifla tista' tmur fejn trid. Qalilha li kien ser jiehu t-tifel ghand zijtu, pero' hi u tifla marru mieghu fil-karozza. Beda jsuq bl-addocc biex jwerwirhom, hadha ghand ommha u qalilha biex tinzel, izda hi ma riditx u baqa' jsuq ghand zijtu fiz-Zejtun. L-attrici ddikjarat li dik is-sena bdietha mieghu izda ma kinitx ser tisspicca s-sena mieghu billi ma setghatx tibqa' sejra b'dik il-hajja. Kemm-il darba kien isibha tibki u tghidlu li xebghet u ddejqet u hu gieli qalilha "jien ma rridekx tibqa mieghi mdejqa".

Hu baqa' dejjem jigri barra jahdem ghand haddiehor. Qatt ma ha gurnata leave biex jgawdi t-tfal, l-anqas fil-birthdays taghhom, izda biex jahdem ghand wahda li tahdem mieghu kien jaghamel granet shah u ha l-leave biex jahdem ghandha. Staqsiethu jekk zewgha kellhux pjacir bih fid-dar, hu kien jghid li zewgha kien jkun hemm izda l-attrici ma kienitx temmnu. Qal li meta lesta riedu jaghtuh xi flus izda hu ma hadhomx. Wara beda jahdem fuq il-kcina tax-xoghol, kien jmur fil-

weekends ,dam zmien twil sakemm lesta u ma thallas xejn. Hi tghid li ma setghatx tifhem kif kien jippreferixxi jmur jahdem b'xejn milli johrog mat-tfal. Tghid li kienet qisha oggett u mhux martu, kienet hemm biss biex taqdih u sseftirlu. Hu ried li tinqata' mill-hbieb u l-familja biex tkun tieghu biss, pero' hu r-rwol tieghu ta' ragel mizzewweg u ta' missier qatt ma wettqu. Ghalkemm inqatghet mill-hbieb ghax dejjem kien isib xi jghid fuq kullhadd, hi baqghet dejjem vicin il-familja taghha, billi huma biss kienu jghinuha, hu ma kien jaghmel xejn fid-dar jew mat-tfal.

Bdiet tinnota li kien qed jircevi hafna messaggi fuq il-mobile, li kien ma jafdah imkien u jzommu silent malli jidhol id-dar. Meta qaltlu xi haga dwar dan qalilha li kienet qed timmagina.

Il-glied bejniethom kompla jizdied anke quddiem it-tfal, tant li t-tifla kienet tibza' tmur lura d-dar minn ghand n-nanna, kienet tkun trid tibqa hemm fejn kienet thossha 'safe'.

L-attrici tghid li ddeciediet tibda tattendi kors ta' parental skills tal-Caritas ghall-genituri li qed irabbu tfal zghar. Haddiehor kienu jkunu koppji, hi kienet tmur wahedha u hadet l-leave mix-xoghol biex tkun tista' tmur. Mill-ewwel irreallizzat li l-hajja taghhom kienet propju il-kontra ta' kif suppost. Staqsiet ghal Social Worker tajjeb fuq il-problemi tal-familja, u hi u anke zewgha kienu tkellmu ma' Father li kien taghhom 'dvd' biex jarawh flimkien u jibdew jaraw t-tajjeb ta' xulxin mhux il-hazin.

Hi rat d-dvd izda hu ma rahx. Ghal ftit zmien kienu sejrin ahjar, ma baqax iddum daqs qabel biex jigi lura mix-xoghol, pero' beda jinqafel fil-kamra tieghu u joqghod fuq il-laptop. Hi hasset li ma setghetx thobbu u kellha rabbja kbira ghalih. Baqghet tmur ghall-counselling izda wara xi hames sessions iddecidiet li kien kollu ghal xejn billi l-passat ma setghetx tikkancellah. F'dak iz-zmien r-ragel beda jisegwiha fuq ix-xoghol, jiccekjalha il-mobile, iqalbilha fl-affarjiet personali taghha u jahbilha l-affarjiet. Ma setghetx tibqa' sejra hekk ghax kien qed imarradha.

Tkellmet ma' Father Tabone, lecturer fl-Universita' u psikologu u qaltlu li ma tistax tibqa' tghix ma' zewgha, baqghet mieghu minhabba t-tfal, ma kienx hemm imhabba u ma setghatx tkompli hajjietha tghix imdejqa u mwerwra minnu.

Fit-3 ta' Frar 2010 marret ghand Avukat u bdiet il-proceduri ta' separazzjoni. Billi kienet ghadha qed titkellem mal-Father talbet lill-medjatrici biex tipposponi bi tlett xhur biex 'veru taghti l-ahhar cans'. Zewgha hadha bi kbira u ghamel xenata ghand ommha u insista li jmur anke wahdu. Kien jirrikattha li qatt ma kien ser jaccetta separazzjoni bonarja, ghax kien komdu u ma kien jonqsu xejn maghha.

Ma riedx li t-tfal ikollhom genituri separati. Darba kien is-Sibt, kellhom xi jghidu u qabad u tefa' il-hwejjeg taghha u tat-tfal fl-art u keccihom 'l barra.

Kien jmur ghat-tifel meta jkun rieqed u jiehdu fil-kamra tieghu u jissakkar hemm sal-ghada fil-ghodu. Hafna drabi t-tifel kien jaqbad jibki izda xorta ma kienx jiftahlu. L-attrici kienet taghmel ljeli ma torqodx tinkwieta fuq it-tifel.

Bdew il-medjazzjoni fit-2 ta' Gunju 2010, hu beda johrog lit-tifel u hi lit-tifla li bl-ebda mod ma riedet tmur mieghu. Kienet tinkwieta fuq it-tifel billi nhar ta' Hadd kien jiehdu fit-8.00am u jgiebu lura wara l-10.00pm, kollu inkwiet zejjed ghaliha billi ma kinitx taf fejn kien jiehu lit-tifel u jekk kienx qed jiddejjaq.

Fil-11 ta' Ottubru 2010 telqet mid-dar bit-tfal. Marret ghal ftit granet ghand il-genituri taghha sakemm kriet flat. Kemm hi kif ukoll it-tfal mill-ewwel hadu r-ruh billi bdiet thossha kalma u mhux 'tense'. It-tfal mill-ewwel draw u kienu aktar kuntenti jghixu mal-attrici fil-flat milli meta kienu jghixu ma' missierhom.

Il-medjazzjoni nghalqet f'Dicembru 2010 wara li hu ma attendhiex ghal dartejn. Kien ilu ma jaghtiha manteniment mill-Lulju u ghalhekk kellha tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni u ghall-manteniment tat-tfal. Hi xtaqet li jiftehmu bonarjament billi kellhom jiftehmu biss fuq il-bejgh tad-dar.

Fetah medjazzjoni ohra hu, ltaqghu fit-23 ta' Marzu 2011 u nghalqet fit-18 ta' Mejju 2011 billi ma waslu ghall-ebda ftehim.

L-attrici kkonfermat li meta l-konvenut kien ikollu l-access ghat-tfal kien dejjem izzommhom aktar milli suppost u sikwiet kien jmur l-Ghassa jaghmilha rapport ghal kull haga ta' xejn. Kien jiehu lit-tfal mieghu u dan kien qed jaghmel hsara ghat-tfal billi kienu jimpressjonaw ruhhom. Kien hemm okkazzjoni meta darba talbitu jigbor lit-tfal mill-Mosta billi t-tifla kellha lezzjoni hemmhekk, hu rrifjuta u xorta mar ghand ommha biex jigborhom meta kien jaf li ma kienux hemm. Ghamilha rapport ghax it-tfal taghthomlu tard. Kellmet tabib li kkonfermalha li kienet qed issir hsara lit-tfal meta regolarment johodhom l-Ghassa. Hi ddikjarat li thobb hafna liz-zewg uliedha u ghalkemm ma sabitx xorti ma' missierhom giet ippremjata b'zewg ulied li mlewlha l-vojt ta' hajjietha, u trid tiddedika ruhha ghalihom u trabbihom fl-ahjar mod possibbli.

**Carmel C, missier l-attrici,** fl-affidavit tieghu mahluf fil-11 ta' Awwissu 2011, Fol 52, iddikjara li hu kien l-aktar wiehed li ha pacenzja billi lil bintu kien iwassalha kullimkien peress li zewgha ma kienx ihalliha issuq, ghax kien jghid li jibza' li jkollha xi accident. Hu kkonferma li lit-tlett uliedu, hu u martu tawhom LM1,000 kull wiehed, u l-attrici ziedet xi haga u xtrat karozza 'second hand' wara li gabet il-licenzja. Din il-karozza zewgha ma kienx ihalliha issuqha, juzaha hu

stess, u ghalhekk biex jevita l-inkwiet kien iwassal lil bintu fejn ikollha bzonn tmur.

Il-konvenut kien johrog kmieni ghax-xoghol meta t-tfal jkunu ghadhom rieqdin u jirritorna tard meta jkunu diga' raqdu. Lit-tfal ma kienx qed igawdhom. Hu kkonferma li l-konvenut qatt ma kien johroghom lill-mara u lit-tfal tant li spicca johodhom hu il-bahar jew xi dawra. Il-konvenut dejjem kellu fejn jmur anke fil-weekends, ghalhekk it-tifla u uliedha kienu ikunu spiss id-dar tieghu u kien johroghom hu.

Il-konvenut kellu difett fis-sens li qatt ma ried nies go daru, ix-xhud jghid li hu u martu qatt ma gew mistiedna jieklu ghandhom. Hu dejjem kien jivvinta skuzi biex jaqla' l-inkwiet. Dan ghamlu meta x-xhud u martu ghalqu 25 sena mizzewgin, kellhom quddiesa ta' ringrazzjament, izda l-konvenut iggieled ma' l-attrici waslu tard u bin-nervi, u darba ohra kienet meta marru Pozzallo ghat-tieg ta' bintu l-ohra, u nizzilhom lura kmieni u harbtilhom programm.

Kien ikollhom xi jghidu ta' spiss, il-konvenut kien jghajjat u jerfa' idejh fuq l-attrici anke fil-presenza tat-tfal tant li l-attrici u wliedha kienu spiss iqattghu xi granet ghandu. Aktar ma kienet tghidlu biex ma jaqlax inkwiet quddiem it-tfal aktar kien jaghmel u kemm l-attrici, kif ukoll it-tfal kienu jibzghu mill-ghajjat tieghu.

Xi ftit snin qabel kien gie Malta ghall-vakanzi, hu x-xhud li hu Isqof, li kellimhom u baghathom ghand xi 'counsellors' u ghal xi ftit zmien s-sitwazzjoni ta' bejniethom irrangat u hi harget tqila, pero' ftit wara s-sitwazzjoni regghet ghal li kienet. Hu jahseb li ma hemm xejn aktar li jsir, ghalkemm ipprovaw diversi drabi, illum li dahlet il-pika minn naha tieghu u l-firda hi inevitabbli.

**Mary Yvonne C, omm l-attrici,** fl-affidavit taghha mahluf fil-11 ta' Awwissu 2011, Fol 54, ikkonfermat li lir-ragel ta' bintha dejjem stmatu daqs li kien it-tifel taghha u fejn setghu hi u zewgha dejjem ghinuhom. Qabel ma zzewgu hi u zewgha taw lill-binthom A s-somma ta' LM3,000 biex tixtri kamra tas-sodda, tawha LM1,000 meta thajret tixtri l-karozza u tawha LM5,000 meta kienu ser jixtru d-dar ta' H'Attard. Dan apparti affarijiet ohra fosthom ghamara u oggetti tad-dar. Hi qatt ma ssuspettat li kien hemm l-inkwiet bejniethom ghalkemm wara li kien ilhom mizzewgin xi sitt snin, kienet marret ma' bintha ghand l-avukat ghax riedet tissepara ghax ma setghatx tissopportih izjed. Bintha lill-avukat qaltlu li ma riditx ikollha tfal minnu ghax ma kinitx kuntenta mieghu u fil-fatt kienu diga' qasmu l-flus li kellhom bejniethom.

L-attrici qatt ma kienet uriethom b'xejn u meta rat xi tbengil fuqha, l-attrici qaltilha li habtet ma' xi haga. Kienu irrangaw meta gie z-ziju tal-attrici, li kien Isqof u gie ghall-vakanzi.

Meta kienu ghadhom gharajjes il-konvenut qatt ma ried ilaqahhom mal-familja tieghu, saru jafuhom biss ftit zmien qabel izzewgu.

Bintha u zewgha rari kienu johorgu flimkien, hu dejjem kellu fejn imur anke il-Hdud flok johrog mal-familja kien jmur bir-rota mal-hbieb. Billi l-attrici kienet tkun wahedha zminijiet twal spiss kienet tkun ghandhom, billi kienet tiddejaq wahedha. L-attrici kienet dejjem tlestilu l-ikel fil-micro wave biex meta jigi isahhnu billi hi tkun gia' kielet qabel.

Kienu hi u zewgha li jiehdu lill-bintha ghall-qadi taghha, zewgha qatt ma hadha imkien; anki ghall-visti ghand it-tabib kienu iwassluha huma, il-genituri taghha, u kienet tidhol wahedha.

Hi kienet tinkwieta hafna ghall-bintha partikolarment meta kienet tqila billi dejjem kienet tkun wahedha, u meta missier il-konvenut kien l-isptar kienet tmur tarah kull jum u tqatta sieghat twal hdejh billi kienet tirrispettah hafna, mentri l-konvenut dejjem kien jibqa' ix-xoghol u kien jghid li jiddejjaq jmur l-Isptar ghax ma ghandux kuragg.

Darba xi tlett ijiem qabel l-attrici kellha t-tifla kienu marru ghaliha u hargu, zewgha ried jibqa' id-dar, meta gew lura sabu stragi shiha billi hu qatta xi trinka bic-chaser u mela kullimkien trab. Tant kien hemm foga li l-anqas setghu jidhlu gewwa. L-attrici qabdet tibki, kellha 'panic' kbir ma kinitx taf kif ser taqbad tnaddaf u kienu hadu battikata kbira jnadfu u jahslu l-hwejjeg. Ix-xhud dakinhar irrabbjat hafna ghalih billi zewgha flok jghinha f'dak iz-zmien partikolari kien jivvintalha x-xoghol u l-inkwiet meta t-tobba kienu jghidhula biex toqghod 'relaxed' billi kienu zammewha tlett darbiet l-Isptar meta sabulha l-pressjoni gholja.

Meta kellha t-tfal kienet tmur tghin lill-bintha billi hu qatt ma kien jaghmel xejn. Hi u zewgha kienu diversi drabi jmorru ghall-binthom u uliedha biex johorguhom u meta jirritornaw zewgha l-anqas biss kien jigi jistaqsi fejn marru jew juri interess fit-tfal. Jekk ikun fil-garage jahdem, hemm jibqa' meta kienu jaslu, qisu ma gie hadd. Din x-xhud kienet issibha stramba hafna.

Darba hadet qatgha kbira meta l-konvenut ddecida li jnaddaf il-bir u hallih miftuh u sabu lit-tifla ta' ftit aktar minn sena, fit tarf titawwal ghal isfel. Ix-xhud tghid li dakinhar irrabbjat hafna ghalih.

Hi kkonfermat li l-konvenut ma kienx jrid nies fid-dar l-anqas ta' gewwa. Fi hdax-il sena li damu mizzewgin darba biss stidnuhom ghall-ikel u hu l-anqas biss kien hemm ghax qal li kellu l-karozza bil-hsara u mar isewwiha fil-garage li kellu iz-Zejtun.

Kien bniedem possessiv hafna u kellu hafna stramberiji. Fid-dar ta' Attard waqqa' hajt u nehha s-salott biex kabbar il-garage. Anke jekk jmur jghum kien jaghzel post fejn ma jkunx hemm nies, ghalhekk kien jmur kmieni hafna. Darba marru mieghu u hadhom f'post dizabitat u kellhom mixja twila sakemm waslu hdejn il-bahar. Kien jghatti t-twieqi, sia tal-flat kif ukoll tad-dar go Attard, li jaghtu ghal barra bil-kartun biex ma jidher xejn mit-triq u ghalhekk fid-dar kellhom hafna dlam.

Fl-ahhar zmien qabel isseparaw iffissa fuq l-attrici, beda jghid li tilbes mqaccat, li ma kienx minnu ghax kieku ix-xhud li hi ommha kienet tghidilha hi stess.

Qabel ma sseparaw il-glied bejniethom zdied u billi hafna drabi kienu jiggieldu quddiem it-tfal, ix-xhud u zewgha qalu lill-binthom biex jekk jinqala' xi argument shun, taqbad it-tfal u tmur ghandhom. Fil-fatt kemm-il darba ghamlet hekk u qattghet xi granet ghandhom bit-tfal maghha. It-tfal kien jhossuhom 'safe' ghand in-nanniet. It-tifla D kienet iccemplilha meta il-genituri taghha jkollhom xi jghidu u x-xhud gieli marret torqod ghandhom. Il-konvenut ma kienx jiehu pjacir biha u kien dejjem jara x'jivvinta biex jibda glieda.

It-tfal issa huma aktar kalmi u ferhanin, ghalkemm meta jigu minghand missierhom jkunu mqarbin u rrabbjati ghal ommhom li tfissidhom u tikkalmhom.

**Noemi C, oht tewmija tal-attrici**, fl-affidavit taghha mahluf fil-11 ta' Awwissu 2011, Fol 57, ddikjarat li minhabba l-fatt li huma tewmin huma jaqblu hafna billi minn ckunithom huma kienu dejjem flimkien. Trabbew flimkien, marru l-istess skola, kienu fl-istess klassi dejjem hdejn xulxin. Infirdu fis-sena 1997 meta hi ltaqghet ma' zewgha li hu minn Pozzallo, Sqallija u marret toqghod hemm fejn hu ghandu x-xoghol tieghu. Lil ohtha ghalhekk kienet taraha fil-vakanzi tal-Ghid, is-Sajf u l-Milied.

Hi tiftakar lil ohtha u lil G dejjem jahdmu, filghodu skrivni mall-Gvern u fil-ghaxija bhala 'waiters' f'restaurant f'Ta' Sliema. Qatt ma kienu johorgu dejjem igemmaw biex jixtru dar u jkollhom dejn mill-anqas.

Hi tghid li G kien minn dejjem stramb billi meta kien jkun jiekol ghand ommha jghaddas rasu fil-gazzetta flok jitkellem maghhom. Kien dejjem jivinta fejn imur daqqa ghand xi hadd tal-familja, daqqa ghand xi habib jahdem jew jirranga xi haga, minnflok iqatta' l-hin ma' ohtha. Kienet tinnota li ohtha kienet dejjem tkun

siekta u qalbha sewda. Kien perfezzjonist iz-zejjed, kellu karozza Fiat Uno li kien iffissat fiha, kellu anke ritratt taghha fuq ix-xoghol, ma kienx jkun jrid johrogha mill-garage, kien jghattiha bil-lozor u kienet ghadha qisha gdida fjamanta. Kellu fissassjonijiet zejda, fil-ftit okkazzjonijiet li hargu biha, kien jinzel jigri jiftah il-bibien biex hadd ma jolqotlu il-bieba ma' xi hajt. Hi ma tifhimx kif ohtha setghet tissopporti dan kollu.

Ix-xhud iddikjarat li ilha toqghod Pozzallo 14-il sena. Kemm hi kif ukoll zewgha kemm-il darba stiednuhom jmorru ghandhom. Ohtha kienet tghidilha li G ma kienx ihalliha tmur u l-istess G qatt ma wera interess li jmur. Hi ddispjeciha hafna li ohtha qatt ma marret ghandha, u kemm hi kif ukoll zewgha qatt ma fehmu ghaliex G ma kienx ihalliha tmur.

L-unika darba meta G mar Pozzallo kienet fiz-zwieg taghha, izda anke din ma tantx kienet ta' success billi G ried jitlaq mill-ghada stess, bl-iskuza li kellu lil ommu ma tiflahx u gennen lil kulhadd. Il-mistiednin kollha tat-tieg fosthom il-ghituri taghha li marru apposta ghat-tieg kellhom jinzlu lura.

Darba ohra rega' qala' l-inkwiet meta l-genituri taghhom kienu qed jiccelebraw il-25 anniversarju tat-tieg, u G u ohtha marru tard hafna ghall-quddiesa u kien jidher li kellhom xi jghidu. Qaghdu l-hin kollu jillitigaw u hassru l-pjacir ta' kulhadd. Hu kien dejjem jivvinta xi haga u jirrovina kollox meta kien ikollhom xi okkazzjoni tal-familja.

Ix-xhud ikkonfermat li meta kienet tkun Malta ohtha qatt ma stiednitha ghall-ikel u kienet tghidilha li G ma riedx nies fid-dar. Qatt ma kielet maghhom fid-dar taghhom.

Hi kienet tinnota li ohtha kienet dejjem tkun mdejqa, hosbiena u siekta. Kien ovvju li bejniethom kien hemm xi haga nieqsa, cioe' dik l-imhabba u rispett li jezistu f'koppju li jingiebu u jinhabbu.

Fil-bidu taz-zwieg, ohtha u G kienu joqghodu fi flat fin-Naxxar, l-anqas hemm qatt ma gew mistiedna. Darba, qabel iz-zwieg, hi u zewgha kellhom qadja in-Naxxar u marru sa hdejhom biex jaraw kellhomx bzonn ta xi haga. G kien qed ibajjad il-kcina u ohtha kienet qed tnaddaf. Hi genwinament ikkummentat fuq il-kulur taz-zebgha, hi kienet taghzlu aktar skur. Ir-reazzjoni ta' G kienet immedjata, beda jghajjat hafna jghid li f'dahru ma jrid lil hadd ghax hu ma jmur ghand hadd. Hi u zewgha baqghu mbellhin bir-reazzjoni tieghu.

Ftit wara li marru joqghodu in-Naxxar, G beda jghid li fil-garage ta' taht il-flat taghhom kien hemm xi hadd qed irrabbi l-animali u kienet qed titla' riha tinten fil-kcina taghhom, ghalhekk iddecidew li jbieghu l-flat u jixtru dar ghar-rashom.

Kollox kienet taghmel ohtha, avvizi fil-gazzetti, appuntamenti man-nies, tara propjeta' mal-genituri taghha; hu ma kien jaghmel assolutament xejn, jitlaq l-barra u jghid li ma jinqalax.

Meta xtraw dar go H'Attard l-anqas hemm ma kienu jistiednuhom, u l-ftit drabi li marru u G kien hemm l-anqas kien jindenja ruhu jsellmilhom.

Darba ftit wara li ohtha kellha t-tifla kienet migugha fis-sodda u z-zija, oht ommha offriet li tohdilha xi cream id-dar. G, x'hin sema li kienet sejra d-dar ghamel xenata shiha, beda jghajjat ma ohtha u qalilha li ma riedx nies jersqu lejn dahru, dan ghalkem id-dar hi tat-tnejn.

Hi ddikjarat li iddispjeciha hafna li z-zwieg ta' ohtha spicca, billi huma trabbew fi familja tajba b'genituri li ghalmuhom il-valuri u tawhom trobbija tajba. Jiddispjeciha ukoll ghaz-zewgt itfal li ghadhom zghar. It-tfal li issa qed jghixu ma' ommhom huma aktar ferhanin u sereni, mentri qabel kienu nervuzi u mqarbin probabilment ghax kienu jaraw lill-genituri jillitigaw ta' spiss.

Ghalkemm jiddispjeciha li ohtha sseparat hi konvinta li z-zwieg taghhom qatt ma seta' jirnexxi billi G hu bniedem difficli wisq biex tghix mieghu.

Ohtha jixirqilha li tghix hajja ferhana u mhux taghamel affarjiet kontra l-volonta' taghha biex ma taqlax inkwiet zejjed mar-ragel li kellha.

**Claude Mario C, hu l-attrici,** fl-affidavit tieghu mahluf fil-11 ta' Awwissu 2011, Fol 60, ikkonferma li meta ohtu u G kienu ghadhom flimkien, G kemm-il darba mar jahdem fil-flat tieghu biex jghinu, fil-weekends u f'xi festa pubblika, biex jiffrankalu l-flus u ma jqabbadx nies. Kemm hu u izjed minnu ommu kienu jghidu lil G li jkun ahjar li johrog mal-mara u t-tfal minnflok jmur jahdem fil-flat, anke ghax hu ma kellux ghaggla biex jilestih. Kienu jibdew minn kmieni filghodu u jdumu jahdmu tant li x-xhud, li mhux imdorri fuq dan ix-xoghol kien jghajja, u kien ikollu genn biex jitilqu u jkomplu darba ohra. Pero' G kien jirrabbja meta kien jghidlu biex jiefqu jew jaghmel xi haga li ma tigix sew.

Ohtu kienet tkun sikwiet d-dar ta' ommu u hu gieli hareg lilha u lit-tfal u n-nies kienu jahsbuh r-ragel taghha.

Biz-zmien bdew jindunaw li z-zwieg taghhom ma kienx hemm tama li jisalva, billi kienu jiggieldu hafna. Minn mindu ohtu u t-tfal ma ghadhomx jghixu fid-dar ta' H'Attard it-tfal ikkalmaw, ma ghadhomx 'tense' u partikolarment t-tifla ma tiehux pjacir meta bil-karozza jghaddu minn fejn kienu joqghodu.

**Il-Mons. Isqof Vincent C, iz-ziju tal-attrici** fl-affidavit tieghu kkonfermat fil-11 ta' Awwissu 2011, Fol 61, ddikjara li kien ilu jaf lil-koppja G u A B minn meta kienu gharajjes. Hu ilu jghix fil-Brazil ghal dawn l-ahhar 42 sena u jigi Malta darba kull tlett snin. Fis-snin disghajn kien sar jaf lil G B li kien jinnamra man-neputija tieghu. Kien guvni mill-ahjar gej minn familja tajba u sar jaf liz-ziju tieghu Mons. Carmelo B miz-Zejtun. Kien dejjem jisma li dan G kien habrieki hafna u kien jhobb jahdem fid-dar tal-genituri u taz-zijiet tieghu. Kien induna pero' li n-neputija tieghu kienet tgerger li G kien jippreferixxi x-xoghol fil-familja tieghu milli joqghod maghha.

Kitbulu l-Brazil biex meta jigi Malta jzzewwighom u hekk gara, izzewgu fis-7 ta' Awwissu 1999.

F'April 2005 kien innota li kien hemm tensjoni kbira bejniethom dwar il-karozza li A riedet tixtri biex takkwista certa liberta' u indipendenza, izda hu kien oppona bil-qawwa kollha. Meta ra li kellhom hawn il-problemi stiedinhom jieklu il-Veduta Restaurant, ir-Rabat u kkonvincihom biex jaghmlu paci u jergghu jibdew hajja gdida. Kien kellem habib tieghu, Dun Anton Portelli li kien tah xi ismijiet ta' counsellors ma-Moviment ta' Kana.

Meta marru joqoghdu fid-dar li xtraw go H'Attard, A baqghet 'bl-istess kantaliena' dejjem tilmenta li r-ragel qatt ma jkun maghha u mat-tfal, dejjem jahdem ghand huha stess u ghand il-familja tieghu iz-Zejtun.

Hu kkonferma li l-problemi bejniethom kienu dejjem jizdiedu, kienu kitbulu t-tnejn waqt li kien joqghod il-Brazil. It-tnejn kienu jigergru minn xulxin u li kienu imdejqin fiz-zwieg taghhom. Hu kien jaghthom il-parir li kull parti ccedi xi haga u jsibu t-triq tan-nofs, u li minhabba t-tfal kellhom jaghmlu minn kollox biex jisalvaw iz-zwieg. Pero' kollu kien ghal xejn billi meta rega' kien f'Malta f'Novembru 2010 sab li A harget mid-dar u marret toqghod fi flat mat-tfal. Kellimhom individwalment, pero' din id-darba rikoncilljazzjoni ma kinitx possibbli. A kienet qed issofri minnhabba l-attitudni ta' zewgha li kien dejjem ihalli lilha u lit-tfal wahedhom id-dar biex jmur jahdem ghand in-nies, u G kien jakkuza lil martu li baqghet wisq dipendenti minn ommha u ma riditx tiddedika hajjitha ghalih. Hu kkonferma li la waslu f'din is-sitwazzjoni kien hu stess li ssuggerilhom li 'jaqbdu triq ohra'. Hu rrakkomandalhom biex jahsbu fit-tfal, u li jnehhu kull sentiment ta' pika, mibgheda u vendikazzjoni u jaghmlu kollox bejniethom b'rispett lejn xulxin wara li kienu ghixu aktar minn hdax-il sena flimkien.

**Maria Dolores sive Doris Ceci, iz-zija materna tal-attrici**, u parrina tal-Grizma tal-istess attrici, fl-affidavit taghha mahluf fil-11 ta' Awwissu 2011, Fol 64, ikkonfermat li sikwiet tkun ghandhom billi tingieb hafna ma' ohtha li tigi omm l-

attrici. Hafna drabi A kienet tkun wahedha ghand ommha sia meta ma kellhiex tfal, kif ukoll wara. Fl-okkazzjonijiet rari meta inzertathom t-tnejn hemm, kienet tibqa' impressjonata bl-atteggjament tieghu, li kien joqghod jaqra il-gazzetta u ma jkellem lil hadd. Qatt ma ratu jerfa' lil xi hadd mit-tfal, l-anqas meta jkunu qed jibku, kien jibqa' fl-istess post bil-gazzetta sakemm isirilhom il-hin biex jitilqu. Hi kienet tghidilhom biex jmorru ghandha, pero' kien rari hafna li hu mar ghandha u lill-attrici ma kienx ihalliha tmur, u dejjem jaqla' xi skuza.

Hi tiftakar l-battikata kbira li kienu hadu ohtha u l-attrici, bintha, biex innadfu d-dar kollha, meta ftit granet qabel ma twieldet it-tifla, G mela kullimkien trab bix-xoghol li kien qed jaghmel fid-dar. Ix-xhud iddikjarat li ma tistax tifhem kif G ddecida li jaghmel dan ix-xoghol propju f'dak iz-zmien, apparti l-fatt li ma kellux ghalfejn jaghmlu ghax ma stieden lil hadd id-dar biex jaraw it-tarbija.

Meta l-attrici welldet lit-tifla, hi marret ghal ohtha u zewgha u flimkien marru l-Isptar biex jaraw lill-attrici u t-tarbija. Meta kkumplimentat lill-konvenut kemm kellu baby helwa u kemm kien ferhan u rrisponda 'issa naraw la mmorru d-dar x'gej'.  Dan il-kliem hi ma fehmithux, u ma qalitx kelma ohra.

Meta l-attrici marret id-dar kienet migugha hafna u peress li ghandha t-tifla spizjara staqsietha tistax tiehu xi haga ghall-ugieh u rrispondietha li kien hemm cream tajjeb hafna. Ix-xhud marret l-ispizerija biex tixtrih u irrangat biex tmur bih ghand l-attrici go H'Attard, pero' meta kienet fi triqtha ohtha cemplitilha biex ma tmurx ghax lahhaq wasal G li qabad jirrabbja u jghid li ma riedx nies ghandu.

Ix-xhud tghid li hadet ghaliha u ma tifhimx r-reazzjoni ta' G billi hi kienet qed taghmillu pjacir u hu bhala r-ragel kien messu ha l-inizjattiva hu stess biex jixtri lil martu dak li kellha bzonn. Dawret lura ghad-dar taghha u ghandhom baqghet qatt ma marret.

Hi jiddispjeciha li z-zwieg taghhom tkisser pero' ma tafx kif n-neputja taghha setghet tibqa' tghix ma' bniedem hekk. It-tfal issa qed imorru ghandha u jiehdu pjacir, u hi tmur ghandhom ta' spiss fil-flat fejn qed jghixu ma' ommhom. It-tfal jidhru trankwilli u ferhanin hlief meta jigu lura minn ghand missierhom billi jkunu nervuzi.

**Romina Grech,** fl-affidavit taghha mahluf fil-11 ta' Awwissu 2011, Fol 66, ddikjarat li ftit xhur qabel l-koppja sseparaw, G kien illmenta maghha li kien qed jissuspetta li marti kellha xi habib, billi kienet qed tilbes b'mod provokattiv, pero' mir-ritratti li uriha hi ma rat xejn provokattiv kif kienet tilbes l-attrici.

G kien qalilha li kien ifettex fil-karozza ta' A ghar-ricevuti ta' coffee shops ecc biex jiskopri fejn tkun marret, u meta tkun rieqda kien jiccekkja l-mobile phone taghha, pero' qatt ma sab xejn.

Darba hi ltaqghet mal-koppja u ppruvat tikkonvincihom biex jitkellmu ma' counsellor professjonali, u hekk ghamlu pero' sfortunatament il-problemi li kellhom ma solvewhomx.

**Il-Perit Mario Grech,** ikkonferma fil-Valuation Report tieghu tat-28 ta' Awwissu 2013, Fol 157, li valur tad-dar u garage fl-indirizz 26/28, 'Serenata' Triq il-Palm, Misrah Kola, Attard hu ta' Euro 260,000.

**Il-Psikologa Carmen Sammut**, xehdet quddiem il-Qorti fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, Fol 190. Hi kkonfermat li t-tifel E hu anzjus hafna. Iz-zewgt itfal ghadhom qed jippruvaw jaccettaw il-fatt li l-genituri taghhom ma ghadhomx flimkien. F'dan il-kaz partikolari, billi kien ser ikun hemm wild iehor, dan il-fatt johloq 'insecurity' fit-tfal. Ghalkemm il-genituri ilhom 4 snin ma jghixux flimkien it-tfal ghadhom ma accettawx dan l-istat ta' fatt. Il-wild gdid igib ansjeta' fit-tfal anke meta l-missier hu l-istess, meta ma jkunx l-istess, l-ansjeta' fit-tfal tkun akbar. In oltre, il-fatt illi l-omm qalet lit-tfal biex ma jghidux lill-missierhom dwar t-tarbija, t-tfal kellhom igorru dan il-piz tas-sigriet ukoll. Hi kkonfermat li t-tfal ghandhom bzonn *individual therapy,* u mhux *family therapy.*

Hi rakkomandat li f'dan iz-zmien ikun hemm aktar kuntatt mal-missier.

L-attrici, annettiet ma' nota pprezentata fil-25 ta' Jannar 2016, Fol 273, Decizjoni tat-**Tribunali Ecclesiastici, tal-Prima Istanza tas-27 ta' Marzu 2015,** li giet ikkonfermata b'sentenza tat-Tieni Istanza tas-7 ta' Ottubru 2015, li z-zwieg tal-partijiet kien null minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u inabilita' tar-ragel li jassumi l-obbligazzjonijiet maritali.

**Il-Perit Psikologu, Marica Busietta**, fir-rapport taghha mahluf fid-9 ta' Mejju 2016, Fol 303 et seq, ikkonkludiet li ghalkemm is-separazzjoni tal-genituri hi esperjenza penuza ghall-ulied, it-tifla D issa accettat il-fatt li l-genituri sseparaw, u accettat l-partner ta' ommha, kif ukoll z-zewgt itfal, Rosette u Rebecca, li ommha kellha mir-relazzjoni taghha mal-partner, huma parti mill-familja taghha. It-tifla ghandha wkoll relazzjoni tajba ma' missierha u drat il-hinijiet tal-access u kuntenta bil-kuntatt li ghandha ma' missierha.

Il-Perita Psikologa irrakkomandat ukoll illi l-partijiet ghandhom jikkommunikaw direttament u mhux tramite t-tifla D, u ghandhom jattendu ghall-sessjonijiet individwali ta' psikoterapija. Ikun ta' gid kbir ghat-tifla D, jekk il-genituri taghha jistghu jistabilixxu mezz civili ta' komunikazzjoni bejniethom.

Fis-seduta tat-12 ta' April 2012 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 350 et seq, xehdu Dottor Mark Sammut Ciappara, ghall-**APS Bank Limited**, li kkonferma li mir-ricerka li ghamel ma sab l-ebda kont f'isem A B u GF B; Christine Farrugia, ghall-**Banif Bank plc**, ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet ma sabet l-ebda kont f'isem il-partijiet; Audrey Ghigo, ghall-**HSBC Bank Malta plc** ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet ma sabet l-ebda kont f'isem A B, u sabet Savings Account numru 056040603050 f'isem GF B li nfetah fl-20 ta' April 1991 u nghalaq fl-20 ta' Mejju 2002.

Stephen Cachia, ghall-**Transport Malta**, ikkonferma li l-vettura Renault Clio, JAB 204, ta' kulur blu hi registrata fuq A B u ilha hekk registrata mit-3 ta' Mejju 2010, qabel kienet registrata fuq GF B, u l-vettura Peugeot 205 numru IAF 993 hi registrata fuq GF B u ilha hekk registrata mit-3 ta' Mejju 2010, qabel kienet registrata fuq Stephen B.

Il-vettura Peugeot 205 kienet registrata f'isem A B fis-16 ta' Awwissu 2000 u l-vettura Renault Clio kienet registrata fuq GF B fil-5 ta' Novembru 2007, qabel kienet registrata fuq A B mill-14 ta' Ottubru 2005. Qabel il-vetturi kienu registrati fuq terzi billi kienu nxtraw second hand.

Jeanette Lapre' ghall-**Lombard Bank plc** ikkonfermat li mir-ricerki li saru ma nstabu l-ebda kontijiet bankarji f'isem il-partijiet.

Alfred Zaffarese, **Direttur fid-Dipartiment tal-ezamijiet** fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, kkonferma li l-kariga ta' GF B hi ta' Assistant Principal u pprezenta il-P3's tieghu ghal 7 snin mis-sena 2005 li gew immarkati Dok AZ1 sa Dok AZ7, Fol 358 sa 364.

**George Cassar White**, Fol.613 ikkonferma li hu kera lill-attrici l-post, Navarrino, Flat 1,Triq Censu Busuttil Birkirkara. Il-kera hu ta' Euro260 fix-xahar, kienet ilha tikri il-fond xi sentejn, il-kirja tiggedded kull sitt xhur u kienet iggeddet ghal tlett darbiet. Il-fond inkera bhala residenza u l-attrici tghix fil-post mat-tfal taghha.

Mariella Aquilina, Senior Clerk mad-**Dipartiment tal-Anzjani** fi hdan il-Ministeru tas-Sahha, Fol 615, ikkonfermat li l-attrici tahdem bhala Assistant Principal fid-Dipartiment tal-Anzjani u pprezentapprezentat l-FS3 ghas-snin 2004 sat-2011 li gew immarkati Dok MC1 sa Dok MC7.

<u>Mill-FS3 ghas-sena 2011, Dok MC8 Fol 627 jirrizulta li l-attrici f'dik is-sena partikolari rceviet gross l-ammont ta' Euro 15,960.47.</u>

Mill-FS3 ta’ GF B, Dok AZ Fol 727, jirrizulta li fis-sena 2012 hu rceva bhala gross l-ammont ta’ Euro 23,652.63.

Il-PS 137 Antoine Micallef, fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fl-10 ta’ Mejju 2013, Fol 731 pprezenta sbatax ir-rapport li kollha saru fil-konfront ta’ A B li gew immarkati Dok AM1 sa Dok AM17. Hu ddikjara li ma kienx f’posizzjoni jikkonferma jekk ittihdux passi kriminali kontra A B a bazi ta’ dawn ir-rapporti.

Charles Pisani, li xehed fl-istess seduta, Fol 732, iddikjara li hu ghandu l-licenzja ta’ **private investigator** u li f’Gunju/Lulju 2011 GF B kien inkarigah jigbed video jew ritratti ta’ martu diehla f’indirizz partikolari fir-Rabat. Fit-12 ta’ Lulju 2011 ghal xi 5.45 pm hu segwa l-vettura Renault numru JAB 204 li giet ipparkjata f’Dingli Street, Rabat u mill-vettura harget A B. Hu ra lill-attrici tersaq lejn certa tieqa ta’ dar fi Triq iz-Zahar, Rabat, ttektket mat-tieqa u dahlet mill-bieb ta’ din d-dar li kellha in-numru 17. Mill-karozza tieghu gibed video tal-movimenti ta’ A B u pprezenta kopja ta’ DVD markata Dok CP1. Hu pprezentaa ukoll dokument market Dok CP2 u seba’ ritratti markati Dok CP3 sa Dok CP9. Fir-ritratti tidher A B.

**Maria Elena Calleja,** fl-affidavit taghha mahluf fis-17 ta’ Jannar 2012, Fol 798, ikkonfermat li hi kienet teacher fl**-iskola Little Angels** li minn dak iz-zmien ghalqet, u fis-27 ta’ Mejju 2010 kellhom Sports day fl-Iskola meta jkunu mistiedna il-genituri. Hi nnotat li s-sinjuri B kienu qed jargumentaw fil-bitha fejn kien hemm it-tfal. Meta avvicinathom, G qalilha li kellhom problema fiz-zwieg. Martu irrabbjat hafna meta semghatu jghid hekk u bdiet tgholli lehenha, ghalhekk hi dahlithom gewwa fil-klassi ‘l boghod mit-tfal u l-genituri l-ohra. Hi kompliet tghajjat mieghu li ma kellux jghid dak id-diskors fil-presenza tax-xhud u tatu daqqa ta’ harta. Ix-xhud tghid li inhasdet izda riedet tikkalmaha. G B qalilha li ma kinitx l-ewwel darba li ghamlitlu hekk.

F’dik is-sena x-xhud kellha lit-tifel tal-partijiet, E fil-klassi taghha.

Saviour Theuma, Senior Principal fid-**Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali,** xehed fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2013 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 811. Hu kkonferma li A B, rceviet l-ammont ta’Euro 500 fis-sena 2011, bhala Children’s Allowance, u fis-sena 2012 rceviet l-ammont ta’ Euro 1517.20 li jinkludi Euro358.56 arretrati tas-sena 2011. Fis-sena 2013 minn Jannar sa Mejju 2013 rceviet s-somma ta’ Euro563.66. Hu pprezenta tlett dokumenti li gew immarkati Dok ST1, Dok ST2 u Dok ST3. Mitlub jispjega d-differenza bejn s-sena 2011 u 2012 hu ddikjara li fis-7 ta’ Mejju 2011 kien sar ‘means test’ li nhadem fuq id-dhul komuni tal-konjugi B u mit-8 ta’ Marzu 2011 il-‘means test’ inhadem fuq id-dhul tal-attrici biss. Hu ma kienx f’posizzjoni jaghti informazzjoni dwar d-dhul

dikjarat mill-attrici li fuqu nhadem l-means test tal-attrici ghas-snin 2011,2012 u 2013.

L-istess xhud fis-seduta sussegwenti tal-21 ta' Gunju 2013 ikkonferma li ic-Children's Allowance inhadmet fuq l-income ta' A B ta' Euro 14,838 fis-sena.

Romwald Attard, ghall-**Bank of Valletta plc xehed** fl-istess seduta, Fol 813. Hu pprezenta cheque image tal-Bills Payable pagabbli lil GF B, Dok RAA1 Fol 818. Kif jirrizulta mid-Dok RAA2 Fol 819 dan l-ammont gie depositat fil-kont G B A/C E & D fis-17 ta' Jannar 2011,u mid-Dok RAA3 Fol 820 jirrizulta li dan l-ammont kien gie rtirat mill-kont A B A/C D fis-7 ta' Jannar 2011. Ix-xhud ikkonferma li minn Young Savers Account bhala procedura jista' jingibed l-ammont ta' Euro 25 kull seba tijiem, sakemm ma jsirx xi qbil mall-Branch Manager, fejn l-klient jista' jigi awtorizzat jizbanka kemm jrid.

L-istess xhud fis-seduta sussegwenti tal-21 ta' Gunju 2013 esebixxa bhala Dok RAA Fol 833 il-withdrawal slip b'konferma li A B sbankat dan l-ammont mill-kont fl-ismijiet A B A/C D u l-Bank hareg bills payable favut GF B u l-ammont gie depozitat fil-kont GF B A/C E and D.

**Doreen Camilleri, Social Worker mal-Agenzija Appogg**, service area leader (taqsima vjolenza) xehdet fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2013, mizmuma mill-Perit Legali, Fol 840. Hi ddikjarat li ilha tahdem mal-Agenzija Appogg ghal 14-il sena, u G B kien kellimha f'Awwissu 2010, qalilha li martu telqitu u hadet lit-tfal maghha u ma kienx jaf fejn kienu. Qalilha li martu hadet xi gojjellerija u ghamara u li matul il-15-il sena li kienu mizzewgin kien hemm diversi okkazzjonijiet meta martu kienet aggressiva mieghu. Darba tathu daqqa' ta' harta, darba ohra, daqqa' ta' ponn u f'okkazzjoni ohra kissritlu l-mobile u hedditu.

Hi zammet kuntatt regolari mieghu mit-2010 sat-2012 u kkonkludiet li hu kien skomdu mal-mara u jibza' minnha. Il-preokkupazzjoni tieghu kienet li hu dejjem ried lit-tfal. Hu ghamel zmien ma jarax lit-tfal billi martu ma riditx turihomlu u l-anqas kien jaf fejn kienu qed jghixu. Fi Frar 2011 ghamel rikors biex jara lit-tfal, u kien qed jmur jarahom l-iskola fil-ghodu. Skont in-notamenti tax-xhud, l-konvenut ma kienx ra lit-tfal bejn Awissu u Dicembru 2010, fi Frar 2011 beda jarahom l-iskola u f'Marzu 2011 nghata digriet dwar l-access, nghata 7 sieghat fil-gimgha, pero' skont ix-xhud il-konvenut kien dissappuntat b'dan id-digriet. F'Jannar 2012 kien kuntent hafna billi l-access kien zdied. Hi kkonfermat li qatt ma ikkuntatjat lil martu u lit-tfal qatt ma rathom.

**Joanna Portelli, li kienet Head of School tal-iskola Little Angels School,** Birkirkara, xehdet fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013, mizmuma mill-Perit Legali, Fol 854. Hi kkonfermat li kienet taf lill-partijiet peress li uliedhom, D u E,

kienu jattendu f’dik l-iskola. It-tfal bdew jmorru l-iskola meta kellhom xi sentejn, D attendiet mis-sena 2008 sat-2011 u E attenda mis-sena 2010 sat-2011. L-iskola nghalqet ghal kollox fis-sena 2011.

Hi kienet giet infurmata mis-Sur B f’Ottubru 2010 li kellhom problemi matrimonjali u kienu ser jibdew xi proceduri bil-Qorti. Minn meta bdew il-problemi Mrs B jew il-genituri taghha kienu jmorru ghat-tfal. F’xi zmien Mr B kien qalilha li martu ma kinitx qed taghtih access ghat-tfal u hi bhala l-Head of School u t-teacher tat-tfal hassew li kien importanti li t-tfal jkollhom access ghal missierhom u ghalhekk ddecidew li jikkoncedulu access fl-Iskola stess. Hu kien qalilhom li fil-festi tal-Milied 2010 ma kellux access ghat-tfal. Meta Mrs B saret taf b’dan l-access lmentat maghha li minhabba dan l-access t-tfal setghu jitilfu xi attivitajiet tal-iskola izda hi accertatha li l-access kien jsir waqt il-break.

Hi pprezentat ittra ppreparata minnhom fuq talba tas-Sur B biex tigi pprezentata l-Qorti, Dok JB Fol 862 u ddikjarat li hi kwalifikata billi ghandha Masters in Psychology of Education. L-access baqa’ ghaddej sa Gunju 2011 sa meta nghalqet l-Iskola.

Ghall-habta ta’ Mejju 2010, it-teacher ta’ E, Ms Marlene qaltilha li l-koppja kellhom argument quddiemha fi Sports Day u rat lil Ms B taghti daqqa ta’ harta lis-Sur B.

Hi kkonfermat li kienet tkun prezenti ghall-access mill-missier, u li t-tfal kienu jkunu kuntenti bil-presenza ta’ missierhom.

**A B, xehdet in kontroezami** fis-seduta tas-6 ta’ Mejju 2014, mizmuma mill-Perit Legali, Fol 871. Hi kkonfermat li kien ghadu kif kellha tarbija li jisimha Rosette Muscat Baron u kkonfermat c-certifikat tat-twelied taghha li gie pprezentat u market Dok RMB. Hi kkonfermat il-veracita’ tad-dikjarazzjoni fl-istess certifikat fejn il-konjugi B ddikjaraw li ma kellhomx x’jaqsmu sesswalment ghat-300 gurnata qabel it-twelied tat-tifla, dikjarazzjoni li saret quddiem l-Imhallef Joseph Galea Debono. Hi kkofermat li t-tarbija giet registrata minnha u missier t-tarbija Jonathan Muscat Baron, li hu guvni u li ilu l-partner taghha ghall-sentejn minn Lulju 2012. Hu jorqod maghha u ma’ uliedha fl-appartament Navarro Flats, Flat 1, Triq Censu Busuttil, Birkirkara. Hu ilu jorqod hemm minn wara t-twelied tat-tifla cioe’ minn wara l-20 ta’ Marzu 2014. Hu fil-fatt jghix fid-dar ta’ missieru u jmur jorqod ghandha. Missieru pensjonant u xi kull tant jaghmilha xi xoghol ta’ maintenance fl-appartament. Jonathan hu self employed jimporta u jbiegh stationery. Ir-relazzjonijiet sesswali taghhom bdew wara Lulju 2012. Hi cahdet li qatt kellha relazzjoni ma' Charles Giordano li kienet tafu billi kien jahdem bhalha f’Santa Venera fic-Centru Hidma Socjali. Hi ddikjarat li ma tafx jekk joqghod ir-Rabat. Hi ammettiet li sentejn qabel kellha karozza Renault numru JAB 204 pero’

ma ftakritx li kienet b'din il-vettua fi Triq iz-Zahar, Rabat, l-anqas ma ftakret l-appartamenti Vancouver Apartments. Hi baqghet tinsisti li qatt ma kellha x'taqsam ma' Giordano. L-ezami tax-xhud gie sospiz biex hi jkollha l-opportunita' tara d-deposizzjoni ta' C Pisani u tikkunsidra jekk ghandhiex tbiddel x-xhieda taghha.

Fis-seduta sussegwenti tal-5 ta' Gunju 2014, Fol 885, A B iddikjarat li ma kellha xejn xi tbiddel minn dak li kienet xehdet fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2014. Hi kkonfermat li kienet dahlet fl-appartament fir-Rabat ta' Giordano fejn kien hemm xi erba jew hames persuni ohra jitfghu l-oggetti fil-kaxxi billi dan Giordano kien qed igorr. Hi dahlet f'dan l-appartament biss u qatt ma dahlet fl-appartament ta' Giordano fi Triq Patri G. A. Bonello, Rabat li jidher fir-Registru Elettorali ta' April 2013.

**GF B** xehed fl-istess seduta, Fol 888 u kkonferma li r-ritratti Dok CG1 u Dok CG2 gibidhom hu stess. Dok CG1 hu ritratt tal-faccata ta' Sunflower Flats li gibdu fit-3 ta' Mejju 2012 u Dok CG2 hu ritratt li ha bil-mobile tieghu li juri l-vettura ta' martu, Renault Clio JAB 204 li kienet ipparkjata fi triq faccata ta' Sunflower Flats. Dok CG3 hu ritratt li gibed hu stess li juri l-vettura JAB 204 fit-28 ta' April 2012 fit-8.49 am fi Triq Patri G.A. Bonello xi tlett metri biss boghod minn Sunflower Flats. Hu pprezenta ritratt market Dok CG4 li ngibed minnu fl-istess gurnata, il-vettura JAB 204 hi indikata bi vlegga li saret mill-Perit Legali, u kienet ipparkjata faccata ta' Sunflower Flats. Ipprezenta ukoll ritratt market Dok CG5 li juri l-appartamenti in kwistjoni immarkati bi vlegga.

Marisa Gauci, ghal **Vodafone plc** xehedet fis-seduta tas-26 ta' Frar 2015 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 918, u kkonfermat li A B ma ghandha l-ebda linja mal-Vodafone registrata f'isimha.

Fl-istess seduta, A B ikkonfermat li mis-sema 2009 hi kienet tuza il-mobile bin-numru 79421075 li ghalkemm registrat fuq zewgha mal-GO plc, tuzah hi biss.

Dottor Anthony Bonnici ghal **GO plc** xehed fis-seduta tat-28 ta' April 2015, mizmuma mill-Perit Legali, Fol 923. Hu kkonferma li l-mobile 79421075 hu registrat fuq GF B. Hu pprezenta bhala Dok AB1 r-registration details, u l-profiles markati Dok AB2(1) u Dok AB2(2). Skont il-Ligi jista' jipprezenta biss answered outgoing calls u outgoing SMS's u mhux profiled dwar incoming data.

Dottor Alexia Albani, ghall-**Bank of Valletta plc,** xehedet fl-istess seduta, u pprezentat, Dok AA1 transaction image tal-izbank ta' Euro 8,750 li sar mill-kont Savings tal-attrici fis-16 ta' Dicembru 2010 u bhala Dok AA2 transaction image tal-izbank li sar mill-attrici fl-14 ta' Settembru 2010 tas-somma ta' Euro 1,989.15. Din kienet cash transaction li jfisser li nghalaq il-kont.

**Jonathan Muscat Baron,** xehed fis-seduta tas-26 ta’ Frar 2016 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 943. Hu ddikjara li ghandu 47 sena, li qatt ma kien mizzewweg u jghix fl-indirizz 435, Rue D’Argens, Gzira, flimkien ma’ missieru Louis Muscat Baron. Hu self employed fis-settur tal-importazzjoni. L-ufficju tieghu jinsab fl-indirizz 449, Rue D’Argens, Gzira u ghandu trade name bl-isem Aska Trading. Hu sar jaf lill-attrici, A B f’Lulju 2012, f’attivita’ religjuza fil-Millenium Chapel ta’ Paceville ghal persuni singoli jew separati. Bdew relazzjoni stabbli ftit xhur wara li sar jafha u sa sena wara f’Lulju 2013, kellhom relazzjoni stabbli. Meta bdew jiffrekwentaw lil xulxin hu kien jaf li hi kienet ‘de facto’ separata. Hu ma jafx li A B kienet tiffrekwenta lil haddiehor, u ma jafx lil Charles Giordano.

Meta ltaqa’ maghha, A kienet toqghod Birkirkara maz-zewg uliedha D u E. Illum maghha jghixu erbat itfal billi maz-zewg uliedha jghixu ukoll Rosette u Rebecca Muscat Baron, li huma uliedu. Rosette twieldet fl-20 ta’ Marzu 2014 u Rebecca twieldet fl-14 ta’ Awwissu 2015. Hu kkonferma li f’Gunju 2013 sar il-koncepiment ta’ l-ewwel tifla. Ir-relazzjonijiet sesswali ta’ bejniethom bdew circa 10 xhur qabel it-twelid ta’ Rosette.

Hu ddikjara li jghin lil A finanzjarjament billi jixtrilhom xi affarjiet, anke ghaz-zewgt itfal li ma humiex uliedu. Hu jghaddhielha xi Euro 400 fix-xahar, u l-beneficcji socjali tircevihom A. Hu kkonferma li gimgha qabel A regghet dahlet ghax-xoghol.

L-attrici, A B, xehdet in kontroezami fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2016 mizmuma mill-Perit Legali Fol 957. Hi kkonfermat il-veracita’ tad-dikjarazzjoni li tidher fic-certifikat tat-twelid tat-tifla Rebecca Muscat Baron, u li din id-dikjarazzjoni saret quddiem l-Imhallef Joseph Galea Debono u kienu prezenti hi, GF B u Jonathan Muscat Baron. Hi kkonfermat li t-tarbija twieldet mir-relazzjoni taghha ma’ Jonathan Muscat Baron.

Hi kkonfermat li f’Lulju 2015 kienet wafqet mix-xoghol bil-maternity leave u regghet bdiet fi Frar 2016. Hi tahdem mid-dar bit-telework 40 siegha fil-gimgha bhala Assistant Principal fid-Dipartiment tal-Anzjani, f’Santa Venera.

Hi kkonfermat li tircievi c-Children’s Allowance ghall-erbat itfal.

Il-konvenut, GF sive G B annetta l-affidavit tieghu ma’ nota pprezentata fl-10 ta’ Gunju 2016, Fol 963. Hu ddikjara li z-zwieg tharbat bir-relazzjoni li martu kellha ma’ Charles Giordano, u wara ma’ Jonathan Muscat Baron li minnu kellha zewgt itfal Rosette u Rebecca.

Ezempju ta' dan kien meta iddecidiet minghajr ma qaltilhom li binha jmur jorqod ghandhom sakemm hi u zewgha jkunu msiefrin.

Fl-gherusija A kienet tibghatlu cards bil-kliem 'a first class person' u 'the most significant person in my life', jghid li kienet certa minnu tant li talbitu jaghmlu xoghol 'part time' biex jfaddlu, jixtru propjeta' u jahsbu ghaz-zwieg.

A kienet tiddeciedi hi u trid taqbel maghha. Hu jghid li qatt ma qarraq biha waqt l-gherusija, mentri hu hafrilha meta qabadha ma' ragel mizzewweg qabel iz-zwieg taghhom. Applikaw mal-Awtorita' tad-Djar u gew allokati appartament fin-Naxxar u mhux mezzanine kif xtaq hu. Kien appartament fi blokka ta' ghaxra u ghalxejn ipprova jiddiskuti ma' A il-problemi li setghu jinqalghu, u bhal dejjem biex jikkontentha u ma jaqlax problemi ma kellux triq ohra hlief li jiffirma ghax-xiri ta' dan l-appartament u jibda jahdem fih. Kien jinteressa ruhu fix-xoghol u kien jahdem hu stess anke biex jiffranka il-flus. A kienet qabdet kollega taghhom fuq ix-xoghol biex jghinu li kellu xi 55 sena u joghoqod Haz-Zabbar. Dan ma riedx flus u l-konvenut kien innota li bejnu u A kien hemm xi tip ta' relazzjoni. Dan kien qallu li A kienet tkellmu fuq il-bjankerija intima taghha. Saret taf ommha, marret tkellem lill-kapillan ta' Haz-Zabbar, Dun Kalcidon Vassallo, izda ommha taghmel x'taghmel bintha dejjem iddefendietha.

Anke ma ohtha, Noemi jghid li kellu indhil u problemi. Din kienet darba marret ghandhom fl-appartament fin-Naxxar u bdiet tikkritika l-kulur taz-zebgha tal-kcina. Ikkonvinciet lil ohtha u kellu jerga jixtri z-zebgha u jbajjad il-kcina mill-gdid. Noemi kienet izzewget ragel minn Pozzallo u fid-19 ta' April 1997 kienu marru ghat-tieg taghha ghalkemm hu kien inkwetat billi fit-23 ta' April 1997 ommu kellha tidhol l-Isptar ghall-operazzjoni serja. Jumejn wara t-tieg, fil-21 ta' April 1997, hu rritorna Malta pero' lil A u l-familja taghha hallihom fil-liberta' li jekk jridu jibqghu hemm. Hu ma ppretenda li hadd minnhom ma kellu ghalfejn jirritorna mieghu.

Comment [O1]:

Izzewgu fis-7 ta' Awwissu 1999, marru joqghodu fl-appartament fin-Naxxar u marru honeymoon Orlando u cruise fil-Karibew. Kien vjagg li qam il-flus bi flights ta' aktar minn 8 sighat, pero' la xtaqet hekk A, hu ma oggezzjonax. Hu dejjem ipprova jikkuntentha f'kollox.

Fiz-zmien li zzewgu hu kien jahdem fi skola f'Rahal il-Gdid, kien mar jahdem hemm minhabba missieru li kellu bzonn l-ghajnuna tieghu u kien jahdem fl-istess skola. Hu gieli dam sat-8.00pm peress li kien jkun hemm l-evening classes u hu kien ukoll inkarigat mill-gym li fil-ghaxija kien jintuza mill-clubs privati. L-income minn dan ix-xoghol kien introjtu 'extra' ghalihom bhala koppja mizzewga. Hu jghid li kien difficili ghalihom li jghixu fl-ambjent li sabu fin-Naxxar, izda ma setghux jbieghu l-appartament billi ma kienux ilhom joqoghodu

fih hames snin. Kitbu lill-Awtorita' tad-Djar u gew infurmati li jew jirritornaw l-appartament u jigu ikkumpensati tal-benefikati li ghamlu jew jbieghu u jirrifondu is-sussidju li kien ta' LM11,650. Hu xtaq li jirritornah lill-Awtorita' izda A insistiet li man-nies tiltaqa' hi u hu seta' jitlaq 'l barra meta jmorru n-nies.

Biex jaqtalha xewqitha ghal dar gdida kien beda jahdem part time xoghol manwali ma' kuntrattur ta' tbatija u periklu, apparti minn xoghol iehor klerikali part time. A bdiet tahdem part time f'cafeterija f'Attard u minghajr ma qaltlu xejn gabet il-licenzja tal-karozza. Minn wara dahru ukoll ftehmet li tixtri Peugeot 205 li kienu raw flimkien u li skont hu kellha difett fic-chassis. Biex jnaqqsu l-ispejjez bdew juzaw karozza wahda, A kienet tghid li l-Peugeot tahli u ftehmu li jpogguha fil-garage tal-genituri tieghu iz-Zejtun, billi l-garage tan-Naxxar kien ghal karozza wahda. Fih kien jpoggi il-karozza li kien juza hu u kien jwassalha kull fejn ikollha bzonn.

Wara li bieghu l-appartament marru jghixu f'appartament il-Furjana taz-zija tieghu li offrietulhom bla hlas. Hemmhekk kellhom diversi incidenti, darba minnhom qabdet sikkina ghalih u wara li hadhielha taghtu daqqa bit-telephone fuq ghajnejh u spicca bil-black eye. It-tabib fil-Polyclinic tal-Furjana qallu li kien iffortunat ghax setghat faqghatlu ghajnejh, ried li jirrapporta, pero' l-konvenut waqqaf ir-rapport peress li kkonsidra  l-konsegwenzi kienu jkunu aghar.

Damu jgixu il-Furjana madwar sentejn sakemm sabu dar f'Hat-Attard. Fil-fehma tieghu din d-dar kienet kbira wisq, kienet traskurata u ma kellhiex garage kbir daqs kemm xtaqu hu. Hi pero' baqghet tinsisti fuq din id-dar tant li ssugeriet li jitwaqqa hajt u s-salott issir parti mill-garage. Kienu tkellmu mal-girien, zewg nisa anzjani li qalulhom li riedu jmorru f'post izghar. Hu kien qal lil A li dik id-dar kellha potenzjal ta' zvilup u jekk jsir jkun ta' hsara ghalihom, pero' hi baqghet tinsisti u qaltlu 'jew din d-dar jew inkella ndabbar rasi'. Hu ma kellux triq ohra hlief li jixtru din d-dar. Wara ftit zmien li kienu qed jghixu fiha saru jafu li d-dar ta' hdejhom kienet ser taqa' u flokha jinbnew tlett appartamenti u penthouse. Hu kien inkwieta hafna b'din l-ahbar, Dottor Caruana Galizia ordnalu endoscopy u rrizulta li kien qed ibaghti minn mard kroniku fl-istonku billi kien trabbielu hfna actu. Wara xi zmien A bdiet titraskura d-dar, u bdiet iggib in-nies jarawha ghax riedet tehles minnha.

Kien wasal iz-zmien li jbiddel il-karozza tieghu billi qdiemet. Ftehmu li hu juza il-Peugeot, li A ma riditx tuza u jsibu wahda kondizzjonata ghaliha. A minnghajr ma qaltlu xejn xtrat Metro minn ghand il-mara ta' habib tieghu. Hu ma kienx qabel maghha ghax il-karozza kienet antika, kellha s-sadid u taghti l-problemi fis-suspension. Hi pero' baqghet tiggustifika d-decizjoni taghha u ma riditx tisma'.

Ftit granet wara li xtrat il-karozza, hu sar jaf, kif ammettiet hi stess, li kienet qabdet relazzjoni ma' invigilator fl-iskola Vincenzo Bugeja fejn hi kienet taghmel xoghol extra bhala invigilator. Kien ghalhekk li kienet marret ghand avukat biex tibda l-proceduri ta' separazzjoni izda dan kien taha l-parir biex terga' tahsibha sew.

F'dan iz-zmien kien hawn Malta iz-ziju ta' A, L-Isqof Vince C li flimkien ma' certu Father Portelli kienu taw l-ghajnuna taghhom u fil-fatt ftit zmien wara A harget tqila bl-ewwel tarbija. Ftit wara A nehhiet il-Metro minnhabba s-suspension billi kienet pregnant u xtraw karozza kondizzjonata, Renault Clio, li A baqghet tuza. L-Isqof kien issugerilhom li jitkellmu ma' counsellors izda A ma riditx taccetta.

Biex xtraw d-dar f'Hat-Attard kellhom bil-fors jiddejnu haga li it-tnejn ma xtaqux. Pero' hu ddecida li kien ser jaghmel minn kollox biex il-loan tithallas kemm jista' jkun malghajr. Kien nghata promozzjoni u sab jahdem extra minghajr ma jdum hinijiet twal. Kien jahdem ghall-hbieb u ghand familjari tieghu li kienu jippreferixxu ihallsu lilu minn barranin.  Hadem ghand kollega tieghu, Mary Anne Bugeja, A ma' kienet sabet l-ebda oggezzjoni, hadmilha xoghol tal-elettriku u bhala hlas tghathom sett tal-kamra tas-sodda, LM100 u ammont kbir ta' kotba godda, li A talbitu tohodhom maghha meta fil-11 ta' Ottubru 2010 telqghet mid-dar. B'hafna sagrificcji l-loan li kellu jithallas f'25 sena thallas wara 5 snin u iffrankaw interessi fl-ammont ta' Euro 22,877. Setghu jibghatu t-tfal skola privata bi school fee ta' madwar Euro 500 kull term kull wild. Sfortunatament pero' is-sagrificcji kollha li kien ghamel biex l-loan jithallas malghajr, ftit li xejn gie apprezzat minn A.

Jghid li beda jaghmel hafna xoghlijiet fid-dar stess billi d-dar kienet traskurata hafna u jilmenta mill-fatt li martu kienet dejjem tgerger u tikkritikah, qatt ma kienet tapprezza x-xoghol li kien jaghmel. Darba qabel ma twieldet it-tifla kellu bzonn juza ic-chaser u ghalkemm kien uza l-folji tal-plastic biex ma jtajjarx trab, xorta wahda kien hareg xi trab. Meta l-attrici rritornat d-dar irrabbjat mieghu, u hu talabha terga' tmur ma' ommha u sakemm tigi lura jkun lahaq naddaf. Hu jghid li dejjem hekk kien jaghmel meta jahdem fid-dar.

It-tifla D twieldet fis-27 ta' Marzu 2006. Meta A harget mill-Isptar mar ghaliha, hadha d-dar u baqa' maghha kemm kien hemm bzonn. F'dawk il-granet omm l-attrici kienet ghandhom u din minghajr ma qalet lilu u lill-martu, cemplet lil ohtha Doris biex iggib xi cream ghal A. Hu qal lil ommha li ma kienx joggezzjona li Doris tmur ghandhom pero' deherlu li ma kienx prudenti billi A kellha bzonn il-mistrieh u l-cream seta' jmur jixtrih hu stess. Il-familjari tieghu, inkluz missieru, in fatti kienu marru ghandhom xi tlett gimghat fuq it-twelied tat-tifla, f'April 2006.

It-twelid tat-tarbija gabet ferh kbir fil-familja, partikolarment missieru, li ftit gimghat qabel kien gie operat b'success ghall-marda serja li kellu.

Hu jghid li wara li twieldet D martu A saret aktar nervuza. Hu kien jghin billi kien jahsel l-art, il-platti u kien joffri li jmur jixtri, izda kien jigi dejjem ikkritikat li jwaqqa' wisq ilma biex jahsel l-art, li jdum wisq biex jahsel il-platti u ma jifhimx fix-xiri. Jghid li meta kienet tqum it-tifla bil-lejl kien jqum hu biex  A tkun tista' tistrieh.

Hu jghid li t-tnejn ferhu meta A regghet harget tqila, partikolarment meta qaltlu li "se jkolli min jghini ghax tifel", pero' kien preokkupat ghax zewgt itfal jirrikjedu aktar xoghol u A kienet tirrifjuta l-ghajnuna tieghu, billi tkun trid taghmel kollox hi kif jidhrilha hi. Hu jgid li kien jmur maghha ghall-vizti medici, u kien jinkwieta li tinsab xi haga mhux sewwa mill-ultra sound. Kien anke joffri li jakkompanjha meta l-appuntament jkun waqt il-hin tax-xoghol, izda hi kienet tghidlu biex ma jinqalghax ghax kienet tippreferi li tmur ma' ommha.

Jghid li wara li twieled it-tifel E, martu bdiet twarbu tant li maghha kienet traqqad lit-tfal u hu kien jorqod fuq saqqu fl-art. Kien kollu ta' xejn li kien jghidilha li kien ta' gid ghat-tfal li jidraw jorqdu fis-sodda taghhom. Jghid li ghall-martu baqa' tajjeb biss biex jgib il-flus. Kull ma kien jaqla' mill-part time u mill-full time kien jidhol f'joint account li kienet tamministrah hi, hu ma kien jfaddal xejn, mentri hi kienet warbet xi haga mill-part time.

Darba fil-gimgha kien jmur jara lill-genituri tieghu fiz-Zejtun pero' lit-tfal ma setghax johodhom mieghu jekk ma tmurx A. Jghid li kienet igieblu kull skuza, li s-South ma tahmlux jew li kellhiex apptit tlibbes lit-tfal. Ma kinitx tmur mieghu fejn jkun mistieden u lanqas funeral tal-membri tal-familja tieghu ma kienet tattendi.

Hu jghid li spiss kien jghidilha biex tistieden lill-genituri taghha d-dar ghall-ikel izda hi kienet tirrifjuta billi ma kinitx trid taqla' xoghol. Kien jghidilha biex jiehduhom f'restaurant izda kienet tghid li ma kienx ikollha aptit. Qatt ma ssugerixxa li jistiednu l-genituri tieghu billi l-anqas lill-genituri taghha ma riedet.

Biz-zmien A bdiet tittrattah aghar minn qabel u ma taghtix kas dak li kien jghidilha. Jghid li l-ghajjat u t-twerzieq tant zdiet li l-anqas seta' jikkoreggi lill-uliedu. Bil-kelma t-tajba kien jigbdilha l-attenzjoni li t-tfal jistghu jkorru jekk ma taghtix kashom. Kien hemm okkazzjoni meta t-tifel, E ta' ftit xhur kien qed jitbandal ma' lamp shade tal-hadid tqil hafna, li kien ikkorrieh kieku waqa' fuqu. Hu kien pront nehhiehulu mentri A li kienet ftit 'l boghod tara t-television ma ghamlet xejn. Meta qalilha li kien hemm il-perikolu bdiet tghajjru u tkellmu hazin.

Biex jevita repetizzjoni tal-istess pogga l-lamp-shade wara bicca ghamara kif jidher fir-ritratt Fol 1011. Kien preokkupat li t-tifel seta' jwegga' jekk jaqa' t-tarag billi meta kellu biss ftit xhur kienet thallih jinzel it-tarag wahdu.

Kienet thalli lit-tfal jaghmlu l-hsara fuq l-ghamara tal-kamra tas-sodda li kienet tal-gewz u tiswa' il-flus. Hu iddispjecih li A ma kinitx tapprezza u tibza' ghall-ghamara ta' certu valur li kellhom fid-dar.

Meta A ddecidiet li riedet kamra ghat-tfal hu medd idu ghax-xoghol u ghamel x-xoghol kollu ta' dawl, kisi u finishing kif ukoll l-ghamara kif jidhru fir-ritratti a Fol 1012.

Darba ohra t-tfal kienu qed isabtu il-bieb tal-kamra tal-banju, u D ma ndunatx li setghat taghalaq subajn huha. Hu ikkorregihom bil-kelma t-tajba, izda t-tifla qaltlu biex ma jindahalx ghax ommhom kienet thallihom. Meta kellem lil A dwar dan bdiet tghajjru u toffendih bi kliem baxx u gesti oxxeni u bdiet ittieh bil-ponn tant li t-tfal bdew jibku.

Inqala' incident iehor f'Dicembru 2009 meta hu nnota li t-tfal kienu qed jilghabu bil-wire tas-set tad-dawl tal-Christmas Tree. Hu nehha il-fuse tal-plug biex jellimina kull perikolu. Meta A indunat bdiet tghajjru u toffendih.

Meta darba kien ghand il-genituri taghha fis-sena 2010, ommha kienet issugerietlu li A tara lill-Psikologa li kienu qed jaraw fuq it-television, pero' A qatt ma accettat l-ghajnuna specjalment ta' nies kompetenti.

Beda jinnota li minn zewg pagi li kienu jammontaw ghal kwazi Euro 2,000 fix-xahar, A ma kienx jirrnexxhielha tfaddal, bdiet tixtri hafna zraben u hand bags kif jidhru fir-ritratti Fol 1013. Kien ghalhekk li qalilha li jkun ahjar li jaqsmu l-flus li kellhom fil-Joint Account u jaghtiha l-flus li kellha bzonn ghall-hajja.

Jghid li fuq ix-xoghol kienu jaghtuha l-parir li tissepara u kienet tghidlu li separati hemm hafna, anke fuq ix-xoghol kien hemm diversi u li ma kienux tal-ewwel.

Spiss kienet tghidlu biex isib xi wahda biex jisseparaw.

Fi Frar 2010 irceva ittra ta' medjazzjoni tat-8 ta' Frar 2010 ipprezentata mill-avukat taghha. Kienet giet nominata Caroline Mallia bhala medjatrici. Hu dan ma setghax jifhmu billi f'jum San Valentinu ta' dik s-sena, 14 ta' Frar 2010 kienet tatu card happy Valantine's Day With Love.

Hu ddikjara li kien jiddispjecih li wara dawk is-snin kollha ta' xoghol u sagrificcji, kellhom darhom, ma kellhomx dejn u kellhom zewgt itfal b'sahhithom, kollox kien ser jispicca fix-xejn.

Kienu kellmu lil Dun Pawl Camilleri mill-Moviment ta' Kana, li irrakkomanda li jitkellmu ma' psikologu. Kienu tkellmu ukoll ma Fr. Mizzi, Direttur ta' Kana, lis-Sur Alex Attard mill-Caritas u lil Fr. Charles Tabone. Hi pero' kienet tmur wahedha, skont hu kienet tigdeb fuqu billi hu qatt ma kien jkun prezenti biex jirrbatti l-allegazzjonijiet taghha.

Hu pprova jsalva z-zwieg, bejn it-12 u l-14 ta' Marzu 2010 marru f'lukanda f'Bugibba ghall-weekend break. Pero' meta rritornaw lura A kaxkret lil D minn xaharha ghax kienet qed tilghab hdejh fil-garage u daba ohra tatha daqqa ta' hartha ghax xarbitha bil-water pistol li xtratilha hi stess. Kienet issawwat lit-tfal bic-cintorin li hu kien tefa fuq il-gwardarobba. Hu jghid "Qatt ma qbilt, u qatt ma accettajt u qatt ma nista' nifhem swat fuq it-tfal".

Talbet differiment fil-Medjzzjoni ghat-2 ta' Gunju 2010, qalet li riedet tahsibha sew, pero' hu jghid li aktar kien jimportha mir-relazzjoni li qabdet ma' kollega tax-xoghol, Charles Giordano, milli mill-familja, lit-tfal l-anqas baqghet issajrilhom, tant hu hekk li bdiet issajrilhom ommha.

Fil-25 ta' Gunju 2010 inzeta kien ir-Rabat u lemah lil A li fid-9.45 am kienet qed tigbed xi flus mill-ATM tal-BOV. Segwiha u raha diehla f'appartament fi Triq iz-Zahar , Rabat. Meta qalilha li raha r-Rabat thawdet u tgerfxet. Wara rrizultalu li l-appartament kien ta' Charles Giordano, kollega tax-xoghol taghha. Din ma kinitx l-unika darba billi hu ghandu evidenza li sa sena wara, f'Lulju 2011 kienet ghadha tiffrekwenta l-istess residenza. Dan gie kkonfermat mill-investigatur privat minnu inkarigat, li xehed fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2013 u pprezenta video u still shots li gibed hu stess.

Hu jghid li partikolarment fis-sena 2010 A saret vjolenti mieghu, kienet theddu, ittieh bil-ponn u taghmel gesti oxxeni biex tipprovokah u hafna drabi fil-presenza tat-tfal. Hu semma specifikatament l-incidenti segwenti:

18 ta' Lulju 2010. Staqsiha biex jiehu t-tfal ghand ommu izda b'idejha ghamlet salib u qaltlu 'nahlef li jien noqtlok', u bdiet ittieh bil-ponn u hu ma ghamel l-ebda reazzjoni u wara mar ghamel rapport l-Ghassa ta' Birkirkara.

25 ta' Lulju 2010. Talabha biex jiehu t-tfal u regghet irrabbjat mieghu u bdiet ittieh bil-ponn. Qaltlu li mhux ser tahsillu aktar hwejjeg u li ma ghandhiex x'taqsam aktar mieghu. Minn dakinhar beda isakkar il-bieb tal-kamra tas-sodda

ghax ma kienx jafdaha. Ghal ftit granet raqad mieghu t-tifel E pero' A kienet taghmel minn kollox biex ma thallhiex.

30 ta' Lulju 2010. Hedditu billi qaltlu joqghod attent lil min isemmi fil-Qorti ghax jispicca xi xeba. Avvzatu biex ma jersaqx lejn il-postijiet fejn tkun hi u biex ma jkellimx membri tal-familja taghha. Hu qata' kull kuntatt ma' omm martu kif ordnatlu hi stess ghalkemm ommha cemplitlu fil-15 ta' Settembru 2010 meta zewgha kellu incident bil-karozza f'Tas-Sliema.

3 ta' Awwissu 2010. Gabar lit-tifla mill-Kidstart fis-2.00pm u wara hadha l-Airport. Meta rritorna d-dar fl-4.00pm bdiet tgerger u tghajjru, ghamlitlu gest oxxenn b'idejha u quddiem it-tifla qaltlu 'daqshekk kornut tieghek'.

8 ta' Awwissu 2010. Nizel fil-garage bit-tifel fis-6.55 am billi ried imur il-Quddies u A kienet qed tahsel il-karozza. Qalilha biex izzomm lit-tifel billi kien ghadu kif qam. Wara li qalilha li ma kienx ser idum bdiet tghajjru u toffendih, qabdet il-parti taghha u qaltlu 'daqs dan twahhalhuli'. Tajritlu l-mobile bil-pala u kissrithulu. It-tifel twerwer u beka hafna. Wara marret tigri l-Ghassa biex taghmel rapport. Hu mar jaghmel statement warajha u fl-Ghassa qalulu li A kellha tbengila f'idejha ix-xellugija. Hu cahad li kien vjolenti maghha u talab lill-Pulizija jipprocedu kontriha ghall-rapport falz. A naqset li tipproduci certifikat mediku ghalkemm kienet giet hekk mitluba. Kemm dan il-kas kif ukoll ir-rapport li kien sar fit-18 ta' Lulju 2010 gew preskritti billi skont il-Pulizija ma sabhuhiex biex jaghtuha t-tahrika.

9 ta' Awwissu 2010. Kien qed jistaqsi lit-tifla D fejn kien il-birthday party li kellha fil-ghaxija. A avvzatu biex ma jersaqx lejn l-Airport fejn kien ser issir il-party u bdiet tkellmu hazin u tghidlu li ma tibza minn hadd quddiem it-tifla.

18 ta' Awwissu 2010. Regghet qaltlu li ma riditx tfal minn tieghu. Din kienet is-sitt darba li qaltlu hekk.

23 ta' Awwissu 2010. Qalilha li kien ser jattendi ghal-laqgha tat-tfal fil-Little Angels u rrabbjat mieghu u fil-presenza tat-tfal ghajjritu 'purcinell' u 'kummidjant'. Kompliet tirrabbja mieghu meta qalilha li jkun ahjar li jinfurmaw l-iskola bil-problemi li kellhom.

24 ta' Awwissu 2010. Mar id-dar biex jigbor lil E li skont il-ftehim fil-medjazzjoni kellu jkun mieghu. It-tifel ma kienx hemm u A qaltlu li kien ghand ommha billi riedet tixtrilu zarbun mill-Hamrun. Qalilha biex jiltaqghu fis-6.00pm il-Hamrun biex jiehdu mieghu. Hi pero' ma riditx tghidlu fejn kien u bdiet ittieh bil-ponn f'wiccu u laqtitu f'ghajnejh il-leminija, Fol 1018. Tat ukoll daqqa fuq il-

bonnet tal-karozza u ghamlitlu hsara fl-ammont ta' Euro 135, Fol 1017. Ma ghamilx rapport l-Ghassa ghax beza li A aktar tihrax.

23 ta' Settembru 2010. Qalilha li decizjonijiet importanti dwar it-tfal kellhom johoduhom flimkien u li t-tfal ma ghandhomx jigu esposti ghal terzi ta'sess oppost billi dan jista' jkun ta' hsara psikologika ghat-tfal. Hi cahdet li kienet qed taghmel hekk u qaltlu li setghet taghmel li trid kif seta' jaghmel hu. B'rabbja sabbtet il-bieba tal-gwardarobba u qaltlu li qed titlob li taqbdu l-aghar marda biex tehles minnu u regghet qaltlu li ma riditx tfal minnu. Dan kollu fil-presenza tat-tfal li twerwru u bkew hafna.

2 ta' Ottubru 2010. Qaltlu li kienet ser tiehu t-tfal hi ghalkemm kien jmisshom li jkunu mieghu. Qalilha li skont il-ftehim tal-medjazzjoni kellhom jkunu mieghu, pero' bdiet tghajjru u toffendih u li jekk johodhom tohrog tghajjru mit-triq. Ghal darba ohra t-tfal twerwru.

Barra dawn l-incidenti fid-dar, G B semma l-incident tas-27 ta' Mejju 2010 meta A kienet vjolenti mieghu fl-Sports Day tal-Little Angels School. Hu kien qal lil Ms Marlene Calleja, teacher bil-problemi li kellhom, stiednithom fil-klassi u kif dahlu A tatu daqqa ta' harta f'wiccu u ghajjritu bi kliem vulgari.

Minhabba il-vjolenza taghha kien kostrett jitlob l-ghajnuna tas-sezzjoni tad-Domestic Violence fi hdan l-Agenzija Appogg. Kien ukoll jikkommunika maz-ziju ta' A, L-Isqof Vincent C li kien il-Brazil, u ltaqa' mieghu meta kien Malta f'Novembru 2010. Hu tkellem mieghu fuq ir-relazzjoni l A kellha mal-kollega taghha, Charles Giordano.

F'Gunju 2010 cemplitlu habiba ta' A, Romina Grech li ssuggerit li johorgu flimkien zewg koppji, marru f'restaurant fl-Airport. Kemm Romina kif ukoll zewgha Andrew indunaw li A kienet ghaddejja minn zmien ta' incertezza u tahwid. Kienu ssuggerewlhom li jkellmu lil Fr. Charles Tabone u fil-fatt kellmuh it-tnejn pero' separatament billi A rrifjutat li jkellmuh flimkien.

A biddlet l-istil tal-hwejjeg u kienet tkun b'hafna 'make-up' minn kmieni filghodu. Huha Claude ukoll qallu li ommha kienet kellmitha fuq it-tip ta' ilbies li kienet qed tilbes ghax-xoghol. A bdiet tpejjep hafna.

Fil-11 ta' Ottubru 2010 baghtitlu sms biex tghidlu li telqet mid-dar, li jista' jmur ghat-tfal ghand ommha fil-5.00pm biex ma jkunx hemm aktar glied quddiem it-tfal li ma jahtu xejn.

A, pero' xorta baqghet taghmel x-xenati meta kien jmur ghat-tfal, u fil-presenza taghhom. Hi qabdet u telqghet minghajr ma qalet lil hadd u bla ebda

awtorizazzjoni tal-Qorti u hadet liz-zewgt itfal ta’ erba snin u nofs u ta’ sentejn u nofs. Hadet ukoll il-gojjollerija kollha li kienu tawh il-genituri tieghu u li kellhom valur sentimentali. Kellu bzonn juza driller li kellu fil-garage izda ma sabhux; biex ma jittiehed l-ebda oggett iehor mill-garage, sakkar il-bieb li mill-kuridur jaghti ghall-garage, izda A qabdet lil xi hadd li sgassa il-bieb u ghamel il-hsara.

Kien kitbilha bl-avukat biex tirritorna l-oggetti li kienet hadet, biex ma tesponhiex lit-tfal fil-presenza ta’ terzi u biex tindika l-indirizz ta’ fejn kienet qed izzommhom. Hi ma ghamlet xejn minn dak li giet mitluba, anzi fit-23 ta’ Awwissu 2011 meta mar d-dar sab li kienet hadet inkwadri, ornamenti varji u frames tal-fidda li jiswew hafna flus u li kienu jippartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

Sar jaf l-indirizz ta’ fejn kienet qed izzomm lit-tfal, bis-sahha ta’ Digriet tal-Qorti moghti fl-4 ta’ April 2011.

Hu jghid li A ma ddejqitx tesponi lit-tfal li kienu ghadhom ta’ eta’ tenera, ghal Charles Giordano, li mieghu kellha relazzjoni, u wara ma’ Jonathan Muscat Baron li minnu kellha zewg ulied, li ukoll jghixu ma’ uliedu. Hu jghid li dan jista’ jwassal ghal dannu psikologiku fit-tfal. D kienet qaltlu li dan Charles Giordano kien qalilha ‘D, jien qieghed mal-mama’ ghax m’ ghandhiex lady’.

A bdiet tiffittah biex jbieghu d-dar. Sabet kuntrattur li kien interessat jixtri d-dar, jaghti lilha appartament u lilu somma flus. Fis-7 ta’ Novembru 2010 il-kuntrattur kien baghat sms lill-konvenut u offrielu LM60,000. Wara xi hmistax cempillu u offrielu LM50,000. Hu cahhad li qabel kien offrielu aktar u meta l-konvenut baghatlu l-sms b’konferma ta’ dan il-kuntrattur ma regghax ikkommunika mieghu.

L-access tieghu ghat-tfal kien regolat b’Digriet tal-Qorti, izda fid-19 ta’ Dicembru 2010 A permezz ta’ sms qaltlu ‘don’t come 4 them gibli digriet mill-qorti mbaghad tohodhom’. A rrifjutat ukoll li jiehu lit-tfal jaraw lill-missieru li kien qed imut. Weggaghtu hafna bil-kumment “ghadu ma mietx, ilu tant biex imut”. Missieru kien kontinwament jitolbu ghalihom billi kienu l-unici zewg neputijiet tieghu peress li oht l-konvenut ma kellhiex tfal. Missieru miet fl-24 ta’ Dicembru 2010 u lin-neputijiet baqa’ ma rahomx. Omm mil-konvenut, armla, ukoll giet mcahhda milli tarahom.

Fl-ahhar ta’ Dicembru tat-2010 kien informa lil Joanna Portelli, il-Kap tal-iskola Little Angels bil-problema li kellu li gie mcahhad mill-access ghal-ulied, u din, ghalkemm ma kienx normali, offrietlu li jara lit-tfal fl-Iskola. Ra lit-tfal fil-5 ta’ Jannar 2011, data li ma jinsiha qatt. Ha mieghu lil ommu, t-tfal kienu kuntenti hafna kienu ilhom ma jarawh xi 17 il-gurnata. Wara biss jumejn fis-7 ta’ Jannar

2011, A marret tipprotesta mal-Kap tal-Iskola u insistit li hi biss kellha d-dritt tigbor lit-tfal mill-Iskola. Ghalhekk il-konvenut kien kostrett jerga' jiftah il-proceduri ta' Medjazzjoni u nghata access ta' 7 sieghat fil-gimgha b'Digriet tas-7 ta' Marzu 2011.

Sal-ahhar ta' Dicembru 2010 kellu jircevi 'refund' tat-taxxa fl-ammont ta' Euro 1,433. Meta sal-5 ta' Jannar 2011 kien ghadu ma rceva xejn cempel lill-customer care tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u gie infurmat li c-cheque kien ntbaghat fl-indirizz 170, The lodge, Triq Bwieraq, Birkirkara li kien l-indirizz tal-genituri ta' A. Skopra li l-indirizz kien nbidel fid-9 ta' Dicembru 2010 meta A baghtet email f'isimha u f'ismu mill-email address ta' huha, Claude C. Ic-cheque kien pagabbli lii G B only. Mill-verifiki li ghamel mal-Bank irrizultalu li c-cheque gie depozitat fil-Joint Account li kellhom fl-24 ta' Dicembru 2010 u bejn il-25 u s-27 ta' Dicembru 2010, Euro 1,000 gew sbankati mill-ATM u Euro 433 mill-Branch tal-BOV. Hu informa lill-Management Services tal-bank of Valletta fis-6 ta' Jannar 2011 u dakinhar stess ghalaq il-Joint Account li kellhom. L-ghada, fis-7 ta' Jannar 2011 rceva sms minghand A biex jmur il-BOV ta' Santa Venera billi kienet mehtiega il-firma tieghu biex jinfetah kont joint gdid. Fid-9 ta' Jannar 2011 rceva sms minghandha fejn qaltlu li r-refund kien tat-taxxa taghha u biex jiddepozita fil-kontijiet tat-tfal.

Fil-11 ta' Jannar 2011 gie infurmat mill-Bank li c-cheque kien gie ipprocessat bi zball, nghata lura l-ammont kollu u hu jikkonsidra il-kaz maghaluq billi fis-17 ta' Jannar 2011 hu ddepozita l-ammont kollu f'account gdid f'isem it-tfal, Fol 1026.

Hu jghid li fil-kors tal-proceduri ta'separazzjoni, t-tfal kienu qed jghixu f'tensjoni kbira billi ommhom dejjem tghajjat u kienet tarmi kull ma kien jixtrilhom. It-tifla kienet tghidlu li trid tmur mieghu ghalkemm meta kienu ghadhom f'Attard ma kinitx trid. Hu jghid li kien jippreferi jigbor lit-tfal minghand omm A ghar-raguni li ghand ommha A ma kinitx taghmel xenati, in fatti, l-ewwel darba li mar jigborhom il-Mosta, fejn kienet qed tghix maghhom A, ghamlitlu xenata bdiet tghajjat barra u tghajjru li seta' jaghmlilha elf rapport ghax la tibza minnu u l-anqas mill-Pulizija.

Fit-8 ta' Settembru 2011 meta hu mar ghat-tfal, A qaltlu li meta l-access jinzerta s-Sibt hi ma kinitx ser thallih jiehu lit-tfal u ghalhekk kien jispicca jarahom erba sighat biss saghtejn it-Tlieta u saghtejn il-Hamis.

Hu ddikjara li kien pront li jassumi r-responsabilita' tat-tfal. Kemm hu kif ukoll martu jahdmu mal-Gvern u hu jista' jaghnel bhal ma ghamlet hi, cioe' jahdem mid-dar bis-sistema tat-telework.

Hu kkonferma li l-access tieghu ghat-tfal hu s-segwenti:

Skont Digriet tas-6 ta' Jannar 2012 meta jkollhom l-iskola t-tfal jkunu mieghu t-Tnejn u l-Erbgha mill-4.30pm sas-7.30pm u fil-weekend alternattivament mill-Gimgha fis-6.00pm sas-Sibt fit-8.00pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6.00pm sal-Hadd fis-6.00pm.

Skont Digriet tas-7 ta' Mejju 2015, fil-vakanzi tas-Sajf ikunu mieghu kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha mis-2.00pm sas-7.30pm u fil-weekends alternattivament mis-Sibt 6.00pm sal-Hadd 6.00pm u l-gimgha ta' wara mill-Gimgha fis-6.00pm sal-Hadd fid-9.00am.

Fil-vakanzi tal-Milied hu pprezenta l-ahhar skeda li dwarha qablu fuqha li tinsab a Fol 1029.

Hu jghid li mill-bidu nett tal-Medjazzoni l-interess ta' A ma kien it-tfal izda il-manteniment. L-ewwel talba taghha kienet ta' Euro 400 fix-xahar, wara bdiet titlob Euro 300 kull erba' gimghat u meta kienet qed tahdem reduced hours bdiet titlob Euro 250 kull erba' gimghat. L-manteniment gie stabbilit b'Digriet tal-4 ta' April 2011, Fol 1023 fl-ammont ta' Euro 223 fix-xahar ghaz-zewg ulied oltre nofs l-ispejjez edukattivi u dawk medici.

Huma ghandhom prattikament l-istess salarju, u hu jinsisti li dejjem onora d-Digriet ghalkemm A ma kienet taghtih l-ebda infomazzjoni dwar s-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal. Kien jiskopri xi haga mir-ricevuti ta' nofs l-ispejjez li kienet tibghatlu mat-tifla.

Hu ddikjara li qed jonfoq xi Euro 130 fix-xahar biex jigbor u jirrtorna lit-tfal. Hu pprezenta l-FS3 tieghu, Fol 1030, li minnha jirrizulta li d-dhul mill-impieg tieghu mal-Gvern ghas-sena 2015 kien ta' Euro20,590.44.

Martu barra il-paga tircevi ukoll ic-Children's Allowance. Mill-FS3 taghha ghas-sena 2015, Fol 1124 jirrizulta li mill-impieg taghha mal-Gvern ghal dik is-sena rceviet l-ammont ta' Euro 18,203.32 gross.

Hu jinsisti li decizjonijiet dwar sahha, edukazzjoni u trobbija tat-tfal ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri mhux kif qed issir fil-present u tieghu d-decizjonijet kollha hi.

Hu kkonferma li l-unika propjeta' immobiljari li ghandhom hi d-dar Serenata, Triq il-Palm, Attard li ghndha valur ta' Euro 260,000.

L-effetti mobbli li A hadet mid-dar huma minnu elenkati fl-appendix 19 Fol 1022, il-bqija gew minnu elenkati fl-appendix 28 Fol 1031. Hu mmarka b'asterisk l-oggetti li huma fil-pussess tieghu.

Dwar kontijiet bankarji, hu ghamel riferenza ghax-xhieda ta' Romuald Attard ghall-BOV plc li xehed fil-25 ta' Mejju 2012 u li kien ikkonferma li kien hemm tlett kontijiet f'isem it-tfal. Ikkonferma li kien ghalaq il-kont f'ismu Account 'E and D' u floku fetah kont fl-APS Bank f'isem ohtu pero' xorta wahda f'isem iz-zewgt itfal. Dan juri bilanc ta'Euro 3,000, Appendix 29 Fol 1032, kwazi Euro 1,600 aktar minn meta xehed Romuald Attard billi hu kompla jiddepozita f'dan il-kont.

Dwar il-kontijiet bankarji f'isem A ghan-nom tat-tfal l-istess xhud ikkonferma li kien hemm zewg kontijiet Dok RA2 a beneficcju ta' D fl-ammont ta' Euro 1244.10 u dak f'isem E Dok RA3 bi bilanc ta' Euro 1792.49. G B iddikjara li A ghandha tiddepozita fil-kont ta' D l-ammont ta' Euro 1,433 li kien refund tat-taxxa pagabbli lilu u li hi kienet spiccat inkassat mill-ATM wara li ddepozitat l-istess cheque f'Jonit Account li kellhom. Il-Bank kien iddebita dan il-kont biex hallas lill-konvenut.

Dwar kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar ta' Attard hu kkonferma li baqa' jhallashom hu billi s-servizzi huma registrati fuqu. A telqet mid-far f'Ottubru 2010, hu ghamel l-istess u mar joqghod iz-Zejtun mal-familja tieghu, u bejn Novembru 2010 u April 2016 u hallas b'kollox Euro 944.33 kif konfermat mill-Appendix 30 Fol 1033 et seq u ghalhekk jipprettendi li hi thallas in-nofs , cioe' Euro 472.16.

Finalment iddikjara li meta fit-2006 A xtaqet karozza missier kien tah b'rigal s-somma ta'Euro 1,000 li nefaqhom meta nxtrat il-karozza Renault Clio bil-prezz ta' Euro 1,400. Din il-karozza kienet tintuza minn A u eventwalment sar jaf li din giet 'scrapped' u illum ghandha Kia Rio bin-numru KBR 395 li ma jafx jekk hiex registrata f'isimha. Hu jipprettendi li ghandha tirrifondilu Euro 1,000 li kien tah b'rigal missieru.

**Il-Perit Psikologu, Daniel Mercieca,** fir-rapport tieghu mahluf fl-24 ta' Gunju 2016, Fol 1066 et seq irrakkomanda li z-zewg genituri ma ghandhomx jinsistu mat-tifel E li jaghtihom informazzjoni fuq il-parti l-ohra, sakemm dan ma jsirx minnu stess b'mod spontanju. <u>Hu rrakkomanda ukoll li z-zewg genituri separatament ghandhom jattendu ghall-Counselling/Psychotherapeutic sessions minnhabba l-effetti traumatici li jgib maghha s-separazzjoni.</u>

Fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2016 l-attrici kkonfermat li l-vettura Renault numru JAB 204 giet ' garaged' u n-number plates gew ritornat lill-MTA u ddikjarat ukoll

li l-karozza Kia numru KBR 395 li tuza hi stess, hi registrata fuq Jonathan Muscat Baron li hu missier zewg ulied taghha.

Il-konvenut, fl-istess seduta ddikjara li l-vettura Opel Astra numru BBN 678 hi licenzjata fuq ohtu Josephine B.

Il-konvenut xehed in kontro ezami fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2016, Fol 1079 et seq. Hu qabel li l-kamra tas-sodda tal-gewz kienet rigal mill-genituri taghha, pero' insista li s-sufan tal-gilda three seater, zewg pultruni one seater u tavolina parigg li nxtraw qabel z-zwieg hu kien hallas nofs il-prezz taghhom li kien ta' LM1,800 jew LM1,900. Hu kkonferma li l-genituri taghha kienu tawha LM5,000 meta xtraw d-dar ta' H' Attard. Hu accetta li l-ghodda li kien hemm fil-garage, li tiswa xi Euro 500 tinsab fil-pussess tieghu. Hu cahad li heddidha  u cahad li kiteb ittri anonimi lid-Dipartimenti dwarha. Ghalkemm iz-zwieg gie dikjarat null minnhabba' "personality disorder combined with comorbid anxiety and compulsivity" da parti tieghu, hu cahad li din l-kondizzjoni kienet ilha minn qabel iz-zwieg. Hu kkonferma li xtaq li t-tfal jmorru jghixu mieghu u dwar t-tifla D ddikjara li din hi mwerwra minn ommha.

Hu cahad li kellu relazzjoni ma' Marianne Bugeja, kollega tieghu fuq ix-xoghol, li kien ghamel xi xoghol fid-dar taghha. Hu kkonferma li kien ilu xi erba'snin li ma baqghax jaghmel xoghol ta' invigilator waqt l-ezamijiet.

Mistoqsi mill-Qorti dwar r-refund tat-Taxxa hu ddikkjara li dan kien tat-tnejn u li kienet issir Joint Computation u hu kien ir-responsible spouse.

Hu ftakar li missieru kien taghhom LM700 biex xtara l-karozza Renault Clio pero' ma ftakarx jekk il-genituri ta' A kienu tawha Lm1000 biex xrat il-Peugeot, anzi qal li ma jiftakarx li tawha daqshekk.

**Charles Giordano**, xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016, Fol 1145 et seq. Hu ddikjara li rceva t-tahrika biex jixhed f'zewg postijiet, wahda fuq ix-xoghol, fl-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Tfal f'Santa Lucia u l-ohra d-dar f'Birzebbuga. Hu kkonferma li minn meta ircevihom ma kellux kuntatt mal-attrici. Hu ddikjara li hu guvni, kien ilu joqghod hemm xi sena u nofs u qabel kien dejjem joqghod ir-Rabat. L-ewwel kien joqghod il-Bahrija u wara niezel ir-Rabat, pero' l-indirizzi ma kienx jafhom. Hu ammetta, meta gie hekk mistoqsi, li kien jghix fl-appatament Flat 1A,Triq iz-Zahar, Rabat. Dam jghix fih xi sentejn u kien ilu li telaq xi sena u nofs. Qabel kien joqghod fl-appartament Flat 2, Triq Patri J A Bonelli, r-Rabat. Iz-zewg appartamenti kienu minnu okkupati b'titolu ta' kera. F'dan l-ahhar appartament kien dam jghix xi tlett snin.

Hu ddikjara li kien jaf lill-attrici billi meta kienu Santa Venera kienu jahdmu f'ufficji li kienu vicini. Ix-xoghol tieghu hu xufier mal-Kummissarju. Hu qal li kien jaraha fil-kuritur tal-ufficju u cahad li kellu kuntatt maghha fir-Rabat.

L-avukat tal-konvenut ghalhekk qralu x-xhieda tal-private investigator Charles Pisani u dak li xehdet l-istess attrici li kienet taptpet fuq it-tieqa ta' fond fi Triq iz-Zahar, Rabat. Hawnhekk x-xhud gie avvzat mill-Qorti li kien hemm pieni ghall-gurament falz. Ix-xhud f'dan il-punt ammetta li l-attrici kienet marret ghandu r-Rabat, marret darba meta 'ixxifjajt mill-flat ghall-iehor'. Ma kienux wahedhom, kien hemm zewg persuni ohra li jahdmu mal-attrici. Hu baqa' jinsisti li l-attrici ma marritx ghandu meta garr ghall-appartament Sunflower flats, Triq Patri G A Bonello, Rabat anke wara li gie muri r-ritratt li kien gibed il-konvenut fit-28 ta' April 2012 fit-8.50am fejn kienet tidher ipparkjata fil-vicinanzi l-vettura misjuqa mill-attrici JAB 204. Hu cahad li kien hemm relazzjoni bejnu u l-attrici.

L-attrici, b'nota tal-25 ta' Lulju 2016, Fol 1133, ipprezentat kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati(Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2014 fejn giet liberata minn kull allegazzjoni ta' frodi meta sbankat ic-cheque tat-Tax Refund; ipprezentat ukoll sentenza tal-istess Qorti tat-28 ta' Frar 2012 fejn l-attrici giet misjuba hatja tar-reat ta' ragjon fattasi u kkundannata multa ta' Euro50.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

IL-partijiet zzewgu fis-7 ta' Awwissu 1999 u kellhom zewgt itfal, D li twieldet fis-27 ta' Marzu 2006 u E, li twieled fis-26 ta' Marzu 2008.

L-attrici pprezentat din l-kawza ta' separazzjoni personali fis-7 ta' Lulju 2011; il-konvenut ipprezenta wkoll kawza ta' separazzjoni personali fit-18 ta' Lulju 2011(Rikors Numru 231/11) u b'verbal registrat fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2012 il-partijiet qablu li l-provi migbura f'din il-kawza jitqiesu ukoll bhala provi migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 231/2011.

L-attrici pprezentat petizzjoni quddiem it-Tribunali Ekklesjastici biex iz-zwieg jigi dikjarat null fit-12 ta' Ottubru 2011. Id-decizjoni mill-Prim Istanza nghatat fis-27 ta' Marzu 2015 u giet pubblikata fit-13 ta' April 2015, Fol 274 u dik tas-Sekond Istanza nghatat fis-7 ta' Ottubru 2015 u publikata fl-14 ta'Ottubru 2015, Fol 297.

Il-konvenut jallega li l-attrici kellha relazzjoni, ghalkemm qasira ma' Charles Giordano, allegazzjoni michuda mill-attrici, li pero' minn Lulju 2013 kellha relazzjoni stabbli ma' Jonathan Muscat Baron li ltaqghet mieghu f'Lulju 2012 u li

minnu kellha zewg ulied, Rosette, li twieldet fl-20 ta' Marzu 2014 u Rebecca li twieldet fl-14 ta' Awwissu 2015.

L-attrici telqet mid-dar konjugali, flimkien maz-zewg uliedha D u E fil-11 ta' Ottubru 2010.

Il-partijiet reciprokament jakkuzzaw lil xulxin bir-responsabilita' tat-tkissir taz-zwieg taghhom. Irrizulta mill-provi li bejneithom kien hemm divergenzi karatterjali konsiderevoli li certament incidew b'mod negattiv fuq il-hajja konjugali taghhom. L-attrici tiddiskrivi ruhha bhala persuna li thobb il-hrug u l-kumpanija tal-hbieb mentri l-konvenut ghall-kuntrarju jevita l-kumpanija ta' terzi, u jsib sfogg u soddisfazzjon f'xoghol manwali bhal dak ta' installazzjoni ta' dawl u ilma u kostruzzjoni u assemblar ta' ghamara li hu jahdem b'mod professjonali. Skont l-attrici, anke meta kienu ghadhom gharajjes, flok johorgu biex jiddivertu kienu jixtru xi haga tal-ikel, li kienu jieklu fil-karozza f'xi post imwarrab jisimghu l-muzika.

Kienu ftit il-punti ta' konvergenza bejniethom, it-tnejn ma kienux kuntenti bid-dejn. Meta xtraw id-dar ta' Attard kellhom jisselfu il-flus u hadmu kemm felhu u d-dejn hallsuh f'hames snin flok f'hamsa u ghoxrin sena. Ghalkemm hu certament lodevoli li wiehed jahdem u jistinka biex jiskonta d-dejn, pero' dan qatt ma ghandu jsir b'mod li jippregudika il-hajja konjugali tal-partijiet. Il-koppja fiz-zwieg ghandha tiehu decizzjonijiet finanzjarji b'mod responsabbli u meta tidhol ghal xi dejn ghandha tassikura li ser tkun tista' tlahhaq mieghu. Mhux qed jinghad li f'dan il-kaz ma sarx hekk, pero' il-fatt li l-konvenut qatt ma kien ikun id-dar igawdi l-familja, ghax kien jkun qed jahdem ghand hbieb jew membri tal-familja, spicca biex irrovina z-zwieg.

Iz-zwieg tal-partijiet hu indubbjament karatterizat b'nuqqas ta' komunikazzjoni. It-tnejn kellhom impieg 'full time' mal-Gvern, il-konvenut kien regolarment jibqa' ix-xoghol sa tard, jahdem overtime jew xoghol extra, u anke fil-weekends u fil-vakanzi kien jahdem ghand hbieb jew membri tal-familja. Dan l-istat ta' fatt, li ma hu ikkontestat minn hadd, effettivament ipprekluda lill-partijiet milli jghixu hajja konjugali normali, fejn jaqsmu, jikkondividu u jgawdu l-esperjenzi u l-kumpanija ta' xulxin f'ambjent ta' mhabba u rispett reciproku.

Ghalkemm mizzewgin; kienu qed jghixu hajjithom indipendentement minn xulxin, kienu mizzewgin biss fil-forma u mhux fis-sustanza.

F'din s-sitwazzjoni l-attrici hasset li kienet giet abbandanata u abbuzata fizikament u psikologikament minn zewgha, fis-sens li hasset li kienet tajba biss biex isseftirlu, billi zewgha kien nonkuranti tax-xewqat u s-sentimenti taghha. F'dan l-istadju l-attrici kienet gja' qed tikkonsidra li tissepara u kien biss l-

intervent taz-ziju taghha, l-Isqof Vincent C, li rrikonciljhom u harget tqila bl-ewwel tarbija.

It-twelid tat-tifla D fit-2006 u ta’ E fit-2008 pero’, ma gabhux l-ghaqda u r-rikoncilljazzjoni vera bejniethom, anzi is-sitwazzjoni bdiet progressivament tmur ghall-aghar. L-attrici bdiet torqod mat-tfal, il-konvenut kien johrog kmieni u jirritorna tard, meta hi u t-tfal jkunu gja’ raqdu. Kienet thallilu l-ikel lest biex meta jigi lura jsahhnu fil-microwave.

Il-konvenut baqa’ jippersisti fl-attegjament tieghu li jahdem ghand hbieb u membri tal-familja wara l-hinijiet normali tax-xoghol u ghalhekk il-partijiet mhux biss ma kienux jikkommunikaw izda bil-kemm kienu jiltaqghu u naturalment meta kienu jiltaqghu kienu invarjabbilment jitlewmu. Fis-Sajf tas-sena 2010 il-partijiet ma baqghux jittolleraw li xulxin u dahlet il-vjolenza u l-aggressjoni fizika. Il-konvenut fl-affidavit tieghu, Fol 973 jelenka serje shiha ta’ incidenti li graw bejn Lulju 2010 u Ottubru 2010, incidenti li jikkonfermaw li f’dak iz-zmien il-hajja konjugali taghhom saret impossibbli. In fatti fil-11 ta’ Ottubru 2010, l-attrici telqghet mid-dar matrimonjali.

**ZWIEG PUTATTIV WARA ANNULLAMENT**

Iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null b'decizzjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku.

Ghalkemm l-annullament ta’ zwieg ifisser li zwieg ma kienx hemm mill-bidunett; mhux kull annullament igib l-istess effetti f’dak li jirrigwarda l-aspett patrimonjali tal-vertenza.

**LIGI**

L-**Artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** jipprovdi illi:-

*'(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta’ żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta’ nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.*

*(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.*

*(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien. '*

Dan l-Artiklu dahal fis-sehh fis-sena 1981, filwaqt li l-partijiet izzewwgu fis-sena 1999 u ghalhekk tali provvediment legali huwa applikabbli ghall-kaz odjern.

**GURISPRUDENZA**

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Caroline Camilleri sive Caroline Camilleri Ciappara 11vs Anthony sive Toni Camilleri**, fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar zwieg putattiv li huma applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

*'Fil-kawza fl-ismijiet "**Stellini vs Tabone**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Jannar 2008 (Citaz nru 2613/1998NC) fejn il-mertu kien simili ghal dak tal-odjerna kawza, intqal hekk:-*

*"Illi in tema legali jigi osservat li l-kuncett ta' zwieg putattiv gie introdott fis-sistema guridiku nostrali bl-Att numru XXXIV tas-sena 1981 li ssostitwixxa l-Artikolu 20 li kien vigenti dak iz-zmien; u dana bhala eccezzjoni ghall-principju li "quod nullum est, nullum producit effectum" u huwa primarjament intiz biex jikkawtela d-drittijiet tat-tfal li jkunu twieldu fiz-zwieg li sussegwentement jigi dikjarat null; izda mhux biss, ghax permezz ta' dan l-artikolu l-legislatur ried ukoll jikkawtela l-effetti civili tal-konjugi li jkunu, jew tal-konugi li jkun, in buona fede. L-iskop tal-legislatur f'dan ir-rigward jirrizulta car minn qari tad-disposizzjoni tal-ligi, u jsib konfort qawwi fid-diskussjonijiet li saru meta din il-ligi kienet qed tigi diskussa fil-Parlament (Vide Parlamentary debates -Seduta numru 531 mizmuma 29 ta' Lulju 1981).*

*In propositu, il-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien qal 'inter alia' hekk:*

*"U allura hawnhekk qed noholqu effetti civili ghal dak iz-zwieg li jkun gie annullat u jissejjah zwieg putattiv. It-tfal jibqghu dejjem ikkunsidrati legittimi...(ommissis) Barra minn hekk, qedin niehdu hsieb li sakemm ikun hemm iz-zwieg li ma giex annullat, dak il-periodu ghandu, ghall-aspett civili, jitqies li z-zwieg ezista. Jigifieri dawk li huma drittijiet, per ezempju...." u l-Onorevoli Ministru jkompli biex jaghti ezempji dwar id-drittijiet patrimonjali tal-konjugi; u jishaq fuq il-fatt li bejn il-konjugi, il-ligi hija intiza biex tipprotegi dak il-konjugi li jkun in buona fede, kontra il-mala fede tal-konjugi l-iehor, distinzjoni li nsibuha fil-ligi Taljana; u aktar 'il quddiem fid-diskors tieghu isemmi propju il-kaz ta' eskluzjoni positiva bhala ezempju ta' mala fede da parti tal-konjugi.*

*Mill-premess jirrizulta car li l-Artikolu 20 ma jirrigwardax biss l-istatus tal-konjugi u ta' uliedhom wara l-annullament taz-zwieg, izda jirrigwarda ukoll l-effetti civili patrimonjali tal-konjugi. Dan jirrizulta car ukoll mill-kontenut tas-sub inciz (5) li jimponi fuq il-konjugi li jkun responsabbli*

*ghall-annullament taz-zwieg, l-obbligu li jmantni ghal perijodu kwinkwennali, lill-konjugi l-iehor li jkun in buona fede. Inoltre, "Quod lex voluit lex dixit"; u l-ligi tghid biss"effetti civili" minghajr distinzjoni u ghalhekk tapplika il-massima legali li "quod lex non distinguere nec non distinguere debemus".*

*Illi minn qari tad-disposizzjoni in disamina, jirrizulta manifest li l-kriterju, jew ahjar l-ingredjent principali sabiex jissussisti zwieg putattiv, bejn il-konjugi, huwa l-esistenza tal-buona fede da parti taz-zewg konjugi jew da parti ta' wiehed biss. Fl-ewwel kaz l-effetti patrimonjali taz-zwieg civili " jitqiesu li kienu jezistu favur  il-mizewgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret 'res judicata'...", filwaqt li fit-tieni kaz, dawn l-effetti jissussistu biss favur il-konjugi in buona fede. F'dik il-kawza rrizulta li z-zwieg kien null unikament minhabba l-fatt li l-mara kienet issimulat il-kunsens ghaz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali ghaz-zwieg, cioe' l-att taz-zwieg. Pero' l-Qorti rriteniet li ghalkemm l-attrici ma tistax tinvoka favur taghha l-ezistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ma ghandux jkun ta' ostakolu sabiex l-attrici tottjeni sehemha mill-gid akwistat bil-hidma taz-zewg partijiet tul il-kors taz-zwieg.*

*Kaz iehor fejn fil-mori ta' kawza ta ' separazzjoni personali, iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null, u ghalhekk kien fadal li tinghata decizzjoni fuq l-aspett patrimonjali biss, kienu z-zewg kawzi tal-istess koppja decizi mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet* ***"Ernest Cilia vs Noelle mart Ernest Cilia, " Noelle mart Ernest Cilia vs Ernest Cilia".*** *F'dak il-kaz kien irrizulta illi ftit xhur qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu xtraw bicca art fil-Wardija li fuqha bnew id-dar konjugali, gie ritenut li d-dar hi propjeta' tat-tnejn fi kwoti ndaqs bejniethom, u l-Qorti ordnat li l-propjeta' tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar id-dar matrimonjali. Saret ukoll divizjoni tal-effetti mobbili, rigali tat-tieg, self, u djun kanonizzati b'sentenzi.*

*Fil-kawza fl-ismijiet **"Carmen Spiteri vs Renald Spiteri"** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Novembru 2014, Citazzjoni Numru 1393/2003 l-attrici pprocediet b'kawza ta' separazzjoni personali kontra l-konvenut. Fil-pendenza tal-kawza b'sentenza tal-istess Qorti z-zwieg gie dikkjarat null ghal raguni imputabbli lir-ragel. Fis-sentenza tal-anullament gie stabbilit li z-zwieg kien null minhabba qerq adoperat mill-konvenut filwaqt li l-attrici kienet in 'buona fede'. Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar l-Artikolu 20 tal-kap 255 :*

*" ....., u ghalhekk bis-sahha ta' dak li jghid l-Artikolu 20(1) u (3), ghalkemm iz-zwieg taghhom gie dikjarat null, xorta wahda "l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu" fil-konfront tal-attrici. Ghaldaqstant il-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti matul iz-zwieg, ghalkemm giet terminata bl-annullament taz-zwieg, xorta wahda legalment ghandha tqis li kienet tezisti tul il-perijodu sad-data tal-annullament, u li ghada tezisti dwar dak l-assi li l-partijiet akkwistaw matul iz-zwieg taghhom.*

*Ghalhekk mhux il-kaz li ser issir divizjoni normali tal-assi li l-partijiet ghandhom in komuni, izda ser issir likwidazzjoni u divizjoni ta' assi li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti putattiva.*

*Kif gia' gie decis minn din il-Qorti " gjaladarba hemm komunjoni tal-akkwisti li ghad trid tigi likwidata u assenjata, allura dan ghandu jsehh skont id-disposizzjonijiet tal-ligi kollha li jirregolaw din il-komunjoni, fosthom l-Artikolu 48(1) (c) tal.Kap 16, fi kliem iehor din il-Qorti ghandha il-kompitu li tezamina l-provi dwar is-separazzjoni, u tasal ghall-htija ghall-istess, biex mbaghad tiddetermina jekk dik il-htija hijiex tali li tattira l-applikazzjoni tal-Artikolu precitat."*

*B'sentenza fl-ismijiet **Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano** (citaz nru 1578/2001) moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016 il-Qorti laqghet l-appell tal-attrici appellanti u ddikjarat li skont l-*

*interpretazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 l-konvenut appellat ghandu jitlef il-beneficcji kollha ta' dak li sar bil-hila taghha.*

*Il-Qorti, inter alia qalet hekk; " Din il-Qorti thoss li dan l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat fis-sens li l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-appellanti izda mhux tal-appellat peress li kienet biss l-appellanti li kienet in buona fede". Peress li z-zwieg gie annullat minhabba l-mala fede tar-ragel huwa tilef id-dritt li jgawdi mid-dhul tal-mara li kienet in buona fede.*

*Hu mportanti ghalhekk li jigi determinat fil-kawza tal-annullament taz-zwieg, jekk dan kienx ir-rizultat ta' qerq ta' parti fil-konfront tal-parti l-ohra, jew jekk it-tnejn kienu in buona fede jew li it-tnejn kienu in mala fede."*

Issir referenza wkoll ghal sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Perit Herbert Debono vs Astrid Francione** u deciza fit-30 ta' Settembru 2016, fejn il-Qorti ghamlet osservazzjonijiet li ghandom relevanza sabiex jigi determinat meta ghandu jitqies li kien hemm *mala fede*:

*'15. Fil-kaz in ezami dak li legalment jorbot lill-partijiet huwa dak li kien gie deciz fis-sentenza tal-annullament moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li ghaddiet f'gudikat; zgur li mhux permess li jerghu jingiebu provi sabiex jigi deciz dak li llum huwa gudikat, salv ovvjament ghal dak li ma kienx gie deciz f'dik is-sentenza, senjatament f'dik il-parti li hi omissa decisio u li tirrigwarda t-tieni t-talba li kienet saret f'dik il-kawza sabiex jigi dikjarat li l-attrici kienet iddekadiet mis-sehem taghha tal-komunjoni tal-akkwisti u t-tielet t-talba sabiex jigi dikjarat li l-attrici m' ghandhiex aktar dritt ghall-akkwisti b'effett mid-datat tas-sentenza ta' separazzjoni.*

*16. F'dik is-sentenza gie deciz li l-konvenuta rikonvenzjonanti, fuq talba taghha stess, kienet unikament hatja ghall-annullament taz-zwieg u konsegwentement giet akkollata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.*

*17. Ghalhekk dak li jirrigwarda l-fattur tal-mala fede da parti tal-konvenuta fiz-zmien li hi kienet tat il-kunsens matrimonjali taghha, din il-Qorti toserva fl-ewwel lok, li m'huwiex minnu dak sottomess mill-attur li kienet l-ewwel Qorti li ex officio ssollevat dan il-fattur, izda kien l-istess attur li fir-rikors promotur ta' dan il-gudizzju u precizament fil-premessa markata numru 6 espressament jghid li "iz-zwieg bejn il-partijiet ma kienx ikkuntrattat in buona fede".*

*18. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li, ladarba l-Qorti fil-kawza tal-annullament laqghet it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta ghar-ragunijiet indikati minnha fl-Artikolu 19 fuq citat, minghajr ma indikat il-paragrafi relevanti fil-parti dispositiva tas-sentenza, dan ghandu jfisser li dik il-Qorti laqghet il-kontro-talba abbazi tal-paragrafi kollha indikati minnha fil-premessa tal-kontro-talba bhala ragunijiet ghall-akkoljiment tal-istess talba, fosthom is-simulazzjoni kontemplata fil-paragrafu [f] tal-istess artikolu. Ladarba dan hu hekk, mhux il-kaz li wara dak il-gudikat jerga' jigi ezaminat dan l-aspett tal-vertenza. Ghaldaqstant ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata rreferiet ghal dak li kien intqal fil-proceduri quddiem it-tribunal eklesjastiku. Jigi ribadit li dak li jghodd fil-ligi huwa dak li diga` gie deciz fil-kawza tal-annullament li saret gudikat.*

*19. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li, ladarba gie defenittivament deciz li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta b'att pozittiv tal-volonta` taghha ssimulat dak il-kunsens, allura l-attur huwa gustifikat fis-sottomissjoni tieghu li, fil-konfront tal-attrici l-komunjoni tal-akkwisti kienet inezistenti ab initio, u ghalhekk it-talba tieghu kellha tigi milqugha."* [sottolinear tal-Qorti]

Minn din is-silta jigi dezunt illi mhux kull kawza ta' htija ghall-annullament taz-zwieg hija indikattiva ta' mala fede. Dan hwua wkoll konformi mal-principju

ormai assodat illi l-buona fede hija prezunta filwaqt li l-mala fede trid tirrizulta ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti tosserva li ma jirrizultax li xi hadd mill-partijietipprezenta f'dawn l-atti kopja tas-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici qalet illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti gie dikjarat null minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut "fosthom imgieba tieghu fil-konfront tal-attrici u ghal ragunijiet psikologici li rrendewh inkapaci li jassumi l-obbligi tal-hajja mizzewga." Il-Qorti qed tifhem illi d-decizzjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku hija msejsa fuq il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap. 255 tal-Lijiet ta' Malta. Jigi osservat li ghalkemm jidher li din ir-raguni ghall-annullament ta’ dan iz-zwieg giet attribwita interament lill-konvenut, minn imkien ma jirrizulta li fil-kontrattazzjonji ta’ dan iz-zwieg il-konvenut kien in *mala fede*, u in mankanza ta’ provi li juru l-ezitenza ta’ dan il-fattur, hija lecita l-presunzjoni favur il-bona fede fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Ma ngabet ebda prova ta' simulazzjoni jew qerq da parti tal-konvenut, u n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ma jwassalx awtomatikament ghal konkluzjoni ta' qerq u konsegwenti mala fede fuq il-parti li tkun ikkawzat l-annullament. Difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju ghandu l-origini tieghu f’kondizzjoni patologika illi fil-maggor parti tal-kazi ma hiex dipendenti fuq mala fede ta’ min ikun wassal ghall-annullament taz-zwieg kagun ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Konsegwenzjalment, minkejja d-dikjarazzjoni ta’ nullita` taz-zwieg tal-konjugi Camilleri b’tort imputabbli lill-konvenut, , l-effetti taz-zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu favur taghhom it-tnejn mid-data tal-kontrattazzjoni tieghu sad-data ta' meta d-decizjoni ta' annullament saret res judicata.

Stabbilit illi zwieg bejn il-partijiet qatt ma kien hemm ma hux mehtieg li l-Qorti tiddeciedi htija ghat-tkissir taz-zwieg.

Ikkonsidrat;

**Kura u Kustodja tat-Tfal Minuri.**

It-tfal tal-partijiet, D u E twieldu fis-27 ta' Marzu 2006 u fis-26 ta' Marzu 2008 u illum ghandhom 11 il-sena u 9 snin rispettivament. Huma normalment jirrisjedu ma' l-attrici ommhom, flimkien maz-zewg ulied l-ohra li kellha l-attrici minn Jonathan Muscat Baron, Rosette u Rebecca.

L-attrici tghix f'appartament mikri f'Birkirkara mentri l-konvenut jghix iz-Zejtun.

L-access tal-missier ghall-ulied hu regolat bid-digrieti segwenti:

*Digriet tas-6 ta' Jannar 2012. Meta t-tfal ikollhom l-iskola l-missier ikollu access ghalihom it-Tnejn u l-Erbgha mill-4.30pm sas-7.30pm u fil-weekend alternattivament mill-Gimgha fis-6.00pm sas-Sibt 8.00pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt 6.00pm sal-Hadd fis-6.00pm.*

*Digriet tas-7 ta' Mejju 2015. Meta t-tfal ikollhom il-vakanzi tas-Sajf l-access tal-missier jkun nhar ta' Tnejn u l-Erbgha mis-2.00pm sas-7.30pm u fil-weekend alternativament mis-Sibt fis-6.00pm sal-Hadd fis-6.00pm u l-gimgha ta' wara mill-Gimgha 6.00pm sal-Hadd fid-9.00am.*

*Dan ifisser li t-tfal jorqdu ghand il-missier lejl wiehed fil-weekend meta jkollhom l-iskola. U meta jkollhom il-vakanzi tas-Sajf, kull hmistax jorqdu zewgt iljieli konsekuttivi ghandu u lejl wiehed fil-gimghat l-ohra.*

*Dwar l-access fil-vakanzi tal-Milied, il-konvenut ipprezenta skeda li dwarha kienu qablu l-partijiet. Din tinsab a Fol 1029 u tirriferi ghall-granet bejn it-22 ta' Dicembru u t-3 ta' Jannar ta' kull sena.*

L-konvenut iddikjara li t-tfal jkunu aktar kuntenti jghixu mieghu milli mal-attrici u jsemmi li t-tifla spiss tghidlu biex jithabat biex jmorru jghixu mieghu, dan apparti l-fatt li l-attrici trid tiehu hsieb zewgt itfal ohra ukoll. Hu jghid li jista' jaghmel arrangamenti biex jahdem mid-dar, bhal ma ghamlet l-attrici, biex jkollu aktar hin mat-tfal.

L-attrici mill-banda l-ohra tilmenta mill-fatt li l-konvenut ma jghinx lit-tfal fil-homework u li dan taghmlu esklusivament hi u fil-weekends meta t-tfal jkunu mal-konvenut titlef 'quality time' maghhom.

Fil-fehma tal-Qorti, konsidrati c-cirkostanzi kollha, ma hiex tal-fehma li jkun fl-ahhjar interess tat-tfal li jmorru jghixu mal-missier. It-tfal draw l-ambjent li qed jghixu fih fil-present u tibdil radikali kif propost mill-konvenut jista' jikkreja problemi, sija ghat-tfal biex jidraw jghixu f'ambjent kompletament differenti kif ukoll problemi tat-trasport ghall-iskola. Tibdil radikali jista' jgib konfuzjoni u dizorjentament fit-tfal li jincidi fuq il-performance taghhom fl-iskola. Dan apparti l-fatt li l-hinijiet tal-access presenti favur il-missier huma tali li jippermetthulu kuntatt kontinwu u sufficjenti biex jkun presenza pozittiva fl-izvilupp ta' uliedu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-arrangament prezenti dwar l-access tal-missier ghandu jibqa' jsehh.

Fl-istess hin il-Qorti hi tal-fehma filwaqt li l-minuri ghandhom jibqghu jirrisjedu ma' ommhom b'access favur il-missier; il-kura u kustodja tkun wahda kongunta b'dan illi decizzjonijiet ordinarji ta' kuljum dwar il-minuri ghandhom jittiehdu mill-omm filwaqt li decizzjoni straordinarji li jirrigwardaw l-edukazzjoni, sahha, safar u passaport tal-minuri ghandhom jittiehdu flimkien u fin-nuqqas b'decizzjoni tal-Qorti.

**Manteniment.**

B'Digriet tal-4 ta' April 2011, Fol 1023, il-konvenut gie ordnat li jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg uliedu s-somma ta' Euro 233 fix-xahar oltre nofs l-ispejjes edukattivi u dawk medici.

L-attrici tilmenta li dan mhux sufficjenti billi l-ispejjez zdiedu u l-konvenut jilmenta mill-fatt li jhallas xi Euro 130 fix-xahar fuel ghat-tragitti bit-tfal u li l-attrici tircevi ukoll ic-Children's Allowance. Il-konvenut jinsisti li decizjonijiet ta' sahha, trobbija u ta' skola tat-tfal ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri u jilmenta mill-fatt li l-attrici ma zzommhux infurmat u jsir jaf b'xi affarjiet mir-ricevuti li tipprezentalu biex jhallas nofshom.

L-partijiet huma t-tnejn impjegati mal-Gvern ghandhom paga ta' circa Euro 20,000 fis-sena ghalkemm il-konvenut jaqla' aktar mill-attrici principalment minhabba income extra ta' overtime u allowances ohra.

Fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li z-zewg genituri ghandhom ugwalment jikkontribwixxu ghall-manteniment tat-tfal, tenut kont tal-htigijiet dejjem jikbru taz-zewg ulied; tenut kont id-dhul rispettiv tal-partijiet; il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jigi ordnat li jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg

uliedu s-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar ghal **kull wild,** b'kollox erba' mitt ewro (€400) fix-xahar b'effett mid-data ta' din is-sentenza **;** oltre nofs l-ispejjes edukattivi u dawk medici; b'dan illi l-manteniment hawn ordnat jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas wara li l-minuri jaghlqu 18- sena jekk jibqghu studenti full-time u dan sakemm jaghlqu 23 sena. Fir-rigward tal-manteniment antecedenti d-data tallum, il-manteniment dovut mill-missier lill-omm ghaz-zewg minuri ghandu jibqa' regolat bid-digriet pendente lite tal-4 ta' April 2011.

L-attrici ghandha tibqa' tircevi hi ic-Children's Allowance.

**Komunjoni tal-Akkwisti.**

Il-partijiet jaqblu li l-unika propjeta' immobiljari tal-komunjoni kienet d-dar matrimonjali 'Serenata' 28, Triq il-Palm, Attard. Il-partijiet qablu b'nota konguntiva li d-dar ghandha valur ta' Euro 260,000.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici titlob li dan il-fond immobiljari flimkien mal-mobbli ta' go fih jinbiegh u r-rikavat jinqasam.

Titlob li fil-likwidazzjoni u qasma jittiehed kont ta' vettura Renault Clio nru JAB li kienet f'isem l-attrici u llum m'ghadiex fit-triq kif ukoll Peugeot 205 numru IAF 993 li kienet inxtrat mill-attrici bi flus li tawha l-genituri taghha, liema vettura qeghda tintuza mill-konvenut.

L-attrici ssostni li s-segwenti huma parafernali taghha:

Lm3,000 donazzjoni minghand il-genituri taghha sabiex inxtrat il-kamra tas-sodda;

Lm5,000 donazzjoni minghand il-genituri taghha bhala ghajnuna sabiex inxtrat id-dar;

Lm1,000 donazzjoni minghand il-genituri taghha sabiex inxtrat il-vettura Peugeot 205;

Issemmi wkoll xi ghamara ta' ftit valur illi ghadha fid-dar u wisq probabli iddeterjorat biz-zmien.

Iddikjarat illi l-partijiet qasmu bonarjament il-kontijiet kollha li kien hemm fil-banek ftit qabel ma telqet mid-dar matrimonjali. Tiddikjara wkoll illi krediti u investimenti ohra bejn il-partijiet ma kienx hemm.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-konvenut jissottometti illi l-pretensjoni tal-attrici ghas-somma ta' Lm1,000 bhala kreditu parafernali taghha kontra l-komunjoni ghandha tigi michuda peress illi bihom kienet inxtrat vettura li llum hija 'scrapped' u minflok xtrat vettura ohra, KIA RIO nru KBR395.

Fil-fehma tal-Qorti il-fatt li l-vettura tal-komunjoni giet scrapped ma jinnewtralizzax l-obbligu tal-komunjoni li thallas lill-attrici l-ekwivalenti tas-somm ta' Lm1,000 li huwa kreditu parafernali tal-attrici kontra l-komunjoni. Ghalhekk qed tiddeciedi li din il-pretensjoni tal-attrici hija gustifikata.

Jikkontesta wkoll il-pretensjoni fir-rigward tas-somma ta' Lm3,000 u Lm5,000 ghaliex isostni illi ma humiex korroborati b'xi provi u lanqas jissemmew fl-affidavits tal-genituri tal-attrici. Mhux korrett hawnhekk il-konvenut stante li omm l-attrici, Mary Yvonne C, issemmi dawn l-ammonti fl-affidavit taghha.[1] Ix-xhieda ta' Mary Yvonne C tikkorrobora it-testimonjanza tal-attrici fir-rigward, il-veracita' ta' liema ma giet bl-ebda mod skossata matul it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk il-Qoti qed tqis illi il-prentensjoni attrici ta' dawn iz-zewg ammonti rapprezentanti krediti parafernali tal-attrici kontra l-komunjoni hi gustifikata; pero' qed tordna illi minflok tithallas is-somma ekwivalenti ta' Lm3,000, tiehu minflok il-kamra tas-sodda li kienet inxtrat dak iz-zmien b'dik is-somma.

Il-konvenut jirrileva illi martu kienet ipprelevat mill-fond matrimonjali oggetti mobbli. Skond il-konvenut dawn l-oggett ghandhom valur ta' €2,911 u ghalhekk qed jippretendi li martu tghaddilu s-somma ta' €1,455.00. Ma saret l-ebda prova dwar il-valur reali ta’ dawn l-oggetti li allegatament l-attrici hadet mid-dar konjugali u li illum jekk ghadhom jezistu biz-zmien ma hadd ghandhom prattikament l-ebda valur. Il-konvenut mill-banda l-ohra ammetta li ha l-ghodda li kien hemm fil-garage tad-dar. Ghalhekk dwar din il-pretensjoni il-Qorti qed tiddeciedi illi l-partijiet ma ghandhom jaghtu xejn lil xulxin fir-rigward.

Pretensjoni ohra tal-konvenut hi illi fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas komplessivament is-somma ta' €944.33 u ghalhekk qed jippretendi li martu ghandha thallsu nofshom u cioe' €472.16. Din il-pretensjoni hija gustifikata.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi d-dar u l-pertinenzi taghha ghandhom jinbieghu fis-suq hieles, inkluz il-mobbli hemm ezistenti, ghall-prezz fuq imsemmi b'dan illi jekk zmien sena millum ma jinstabx bejgh kull parti tkun libera li titlob li jsir bejgh tal-istess taht l-Awtorita' tal-Qorti.

[1] Fol. 54

Il-konvenut ikkonferma, meta xehed in kontroezami, Fol 1079 li l-kamra tas-sodda tal-gewz u bicca ghamara antika zghira kienu rigal tal-ġenituri taghha, pero' insista li s-sufan three seater, zewg pultruni one seater u tavolina parigg ghalkemm inxtraw qabel z-zwieg inxtraw minnhom it-tnejn. Hu accetta li l-kamra tas-sodda hi propjeta' parafernali tal-attrici.

Il-konvenut accetta Fol 1084, li l-genituri tal-attrici kienu tawha LM5,000 meta xtraw d-dar f'Attard.

Nqalghet kwistjoni bejn il-partijiet dwar t-tax refund fl-ammont ta' Euro 1433 li d-Departiment kien baghat b'cheque f'isem *G B Only*, li jfisser li dan ic-cheque seta jigi msarraf mill-konvenut biss. L-attrici kienet infurmat lid-Dipartiment li ma kienux ghadhom joqghodu fl-indirizz ta' Attard u indikat l-indirizz tal-genituri taghha. Meta rceviet c-cheque iddepozitatu f'kont Joint li kien ghad ghandha mal-konvenut u wara rtirat l-ammont kollu fi tlett sbanki ta' Euro 433, Euro 500 u Euro 500. L-konvenut ipprotesta mal-Bank u talab li jittiehdu proceduri kriminali kontriha. Il-Bank accetta li c-cheque ma kellux jigi depozitat f'kont joint account u il-Bank ghadda l-flus lill-konvenut billi ddebita l-kont tal-attrici, Account D, u ghalhekk il-konvenut jippretendi li l-attrici ghandha tirrifondi l-istess ammont ta' Euro 1433 f'kont f'isem D. Il-konvenut iddikjara li fetah kont ghat-tfal fl-APS Bank f'isem ohtu Josephine B, Fol 1032, u li bl-ammont li kien irceva mill-Bank fetah dan il-kont f-isem it-tfal.

Mistoqsi mill-Qorti, Fol 1114, jekk kienx jaqbel li fil-fatt it-tax refund kien dovut lill-attrici, irrespettivament minn kif kien hareg ic-cheque, hu ddikjara li kien dovut lit-tnejn, li ghall-fini ta' taxxa kienu jaghmlu joint declaration u li hu kien 'the responsible spouse'.

Mill-kopja tas-sentenza tal-11 ta' Novembru 2014 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Fol 1135, irrizulta li r-refund ta' Euro 1433 kien dovut kwantu ghal Euro 1140 refund li ghalih kienet intitolata l-attrici u li kienet applikat ghalih billi ma hadtix 'parental leave' u kwantu ghal Euro 293 refund talli l-koppja kienet tibghat lit-tifla skola privata.

Effettivament billi kienet issir Return tal-Income Tax wahda, nonostanti il-precisazzjoni li saret mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati dwar il-komputazzjoni tal-ammont, r-refuzjoni ta'taxxa kienet dovuta lill-koppja flimkien.

Il-kwistjoni kkomplikat ruhha billi l-ammont dovut lill-koppja gie akkreditat f'kont fl-interess tat-tfal. L-attrici hi ghalhekk obbligata li tirrifondi biss lill-konvenut nofs l-ammont cioe' Euro 716.50 li naturalment il-konvenut hu liberu li jekk hekk jixtieq jiddepozita l-ammont f'kont bankarju f'isem it-tfal.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi s-somma ta' €1,140 tappartjeni fl-intier taghha lill-attrici filwaqt li mis-somma ta' €293 ghandha thallas nofshom lill-konvenut.

Kif issugerixxa l-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, l-kontijiet f'isem u fl-interess tat-tfal ghandhom jkunu joint f'isem iz-zewg genituri, ( u mhux f'isem oht l-konvenut) b'indikazzjoni cara li l-fondi huma propjeta' tat-tfal biex jigi assikurat li ma jsirux prelevamenti mhux awtorizzati u l-bilanc fil-kont bankarju jibqa' a beneficcju tat-tfal sakemm jsiru maggorenni.

Dwar il-vetturi l-konvenut iddikjara, Fol 983, li fis-sena 2006 meta l-attrici xtaqet karozza missier il-konvenut qabad u tah rigal ta' LM1,000 li intuzaw biex inxtrat il-karozza Renault Clio JAB204 second hand bil-prezz ta' LM1,400. Hu ghalhekk qed jitlob refuzzjoni tal-imsemmi ammont. L-vettura giet scrapped ghal-habta tat-2014. Ghalhekk dan l-ammont ipaci ammont simili li l-genituri tal-attrici taw lill-attrici biex tixtri karrozza.

B'verbal registrat fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2016, l-attrici kkonfermat li l-vettura Renault numru JAB 204 registrata f'isimha giet garaged u n-number plates ritornati lill-MTA u li l-vettura Kia numru KBR 395 li issuq fil-present hi registrata f'isem Jonathan Muscat Baron. Il-konvenut ikkonferma li l-vettura li jsuq hu, Opel Astra numru BBn 678 hi registrata f'isem ohtu Josephine B.

Billi iz-zewg partijiet kienu rcevew LM1000 kull wiehed minghand il-genituri taghhom biex inxtraw il-vetturi taghhom, hadd minnhom ma ghandu jaghti xi refuzjoni lil-parti l-ohra dwar l-akkwist tal-vetturi taghhom fil-kors taz-zwieg taghhom.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi prevja li tichad u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut bil-mod kif hawn deciz;

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, tat-tieni, u tat-tielet talba tal-attrici ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti billi z-zwieg taghhom gie dikjarat null u bla effett fil-ligi b'decizjoni definittiva tat-Tribunali Ekkjesjastici;

2.. Tilqa' r-raba talba' tal-attrici u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

3. Tilqa' l-hames talba tal-attrici, tordna l-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-assi komuni tal-partijiet kif fuq deciz taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti;"

4. Tilqa’ s-sitt talba tal-attrici u tiddikjara li l-fond 28, ‘Serenata’ Triq il-Palm, Misrah Kola, Attard ma ghandux jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti;

5. Tilqa’ s-seba talba attrici u tordna li d-dar matrimonjali flimkien mal-effetti mobbili li jinsabu fih titpogga ghall-bejgh fis-suq liberu bil-prezz fuq imsemmi jew prezz iehor li jifthemu l-partijiet b'dan illi jekk zmien sena millum ma tinbieghx kull parti ghandha dritt titlob li tinbiegh taht l-Awtorita' tal-Qorti bil-partecipazzjoni ta’ obblaturi estraneji,, b’dan li r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt li l-attrici minn sehemha thallas lill-konvenut l-ammont ta’ Euro 472.16 bhala sehema mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-fond de quo kif ukoll l-ammont ta’ Euro 146.50 (nofs Euro 293.20) kif fuq spjegat;,

6. Tilqa’ t-tmien talba tal-attrici u tordna lill-konvenut jassenja lill-attrici l-propjeta’ parfernali taghha cioe’ il-kamra tas-sodda tal-gewz u bicca ghamara antika zghira,propjeta’ parafernali tal-attrici;

7. Tilqa’ d-disa’ u l-ghaxar talba tal-attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ekwivalenti tas-somma ta’ LM5000 cioe’ Euro 11,650 li kien rigal minghand il-genituri tal-attrici;

8. Tilqa’ in parte l-hdax it-talba tal-attrici u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri D u E tkun kongunta b'dan illi jirrisjedu mal-omm b'access favur il-missier kif spjegat supra taht l-intestatura "Kura u Kustodja".;

9. Tilqa’ it-tnax it-talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex b'effett millum ihallas lill-attrici manteniment ghaz-zewg ulied fl-ammont ta’ Euro 400 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez medici u edukattivi, liema ammont jizdied kull sena skont l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern, liema ammont jithallas kull l-ewwel tax-xahar f’kont bankarju li l-attrici ghandha tindika lill-konvenut; liema manteniment jibqa' pagabbli anke wara li l-minuri jaghlqu tmintax-il sena jekk ikunu studenti full-time u sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrien sena. Il-manteniment antecedenti s-sentenza tallum jibqa' regolat bid-digriet pendente lite.

10. Tilqa’ it-tlettax it-talba attrici u tordna li l-konvenut ikollu access ghall-uliedu, fiz-zmien meta jkollhom l-iskola, fiz-zmien meta jkollhom il-vakanzi u fi zmien il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena kif indikat supra;

11. Tilqa’ parzjalment l-erbatax it-talba attrici u tiddikjara li l-konvenut m'ghandux dritt jitlob manteniment minn ghand l-attrici; u

12. Tilqa’ il-hmistax it-talba attrici.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**